DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1470

tat-30 ta' Marzu 2015

dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38517 (2014/C) (ex 2014/NN) *et seq* implimentata mir-Rumanija — Deċiżjoni ta' Arbitraġġ Micula vs ir-Rumanija tal-11 ta' Diċembru 2013

(notifikata bid-dokument C(2015) 2112)

(It-test Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu, [1]

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interesssati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq [2] u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) B'Deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2013 ("id-Deċiżjoni"), tribunal tal-arbitraġġ ("it-Tribunal") stabbilit taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment ("ICSID") fil-Kawża *Micula a.o. vs ir-Rumanija* [3] ta kumpens favur il-ħames rikorrenti (l-aħwa Viorel u Ioan Micula u l-kumpaniji S.C. European Food S.A., S.C. Starmill S.R.L., u S.C. Multipack, li huma kollha proprjetà tal-aħwa Micula; kollettivament, "ir-rikorrenti") kontra r-Rumanija fl-ammont ta' RON 376 433 229 (madwar EUR 82 miljun [4]) għan-nuqqas tar-Rumanija li tassigura trattament ġust u ekwu tal-investimenti tar-rikorrenti, li kien jammonta għal ksur, min-naħa tar-Rumanija, tal-Artikolu 2(3) tal-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Isvezja u l-Gvern tar-Rumanija dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni Reċiproka tal-Investimenti ("il-BIT") [5]. Barra minn hekk, it-Tribunal iddeċieda li għandu jkun dovut imgħax fuq dik is-somma sakemm ir-Rumanija timplimenta b'mod sħiħ id-Deċiżjoni. Sal-11 ta' Diċembru 2013, l-ammont totali hekk dovut mir-Rumanija lir-rikorrenti kien jammonta għal RON 791 882 452 (madwar EUR 178 miljun [6]).

(2) B'ittra tal-31 ta' Jannar 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lill-awtoritajiet Rumeni li kwalunkwe implimentazzjoni jew eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tkun tikkostitwixxi għajnuna ġdida u tkun trid tiġi notifikata lill-Kummissjoni.

(3) Fl-20 ta' Frar 2014, l-awtoritajiet Rumeni infurmaw lis-servizzi tal-Kummissjoni li kienu implimentaw b'mod parzjali d-Deċiżjoni billi paċew porzjon mill-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti kontra t-taxxi dovuti minn wieħed mir-rikorrenti, jiġifieri S.C. European Food S.A, lill-awtoritajiet Rumeni. Id-dejn tat-taxxa paċut b'dan il-mod kien jammonta għal RON 337 492 864 (madwar EUR 76 miljun [7]). Ir-Rumanija fittxet ukoll kjarifika mingħand is-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' ħlas tal-ammont pendenti lil persuna fiżika (l-aħwa Viorel u Ioan Micula jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li lilha tista' tiġi assenjata t-talba).

(4) Fit-12 ta' Marzu 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni mingħand ir-Rumanija dwar l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni ulterjuri previsti tad-Deċiżjoni, li r-Rumanija pprovdiet b'ittra tas-26 ta' Marzu 2014.

---

[1] B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87, u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, tat-Trattat, rispettivament. Fis-sustanza, iż-żewġ settijiet ta' Artikoli huma identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE meta jkun xieraq. It-Trattat introduċa wkoll ċerti bidliet fit-terminoloġija, bħas-sostituzzjoni ta' "Komunità" b'"Unjoni" u s-"suq komuni" b'"suq intern". It-terminoloġija tat-Trattat se tintuża tul din id-Deċiżjoni sħiħa.

[2] ĠU C 393, 7.11.2014, p. 27.

[3] Il-Kawża tal-ICSID Nru ARB/05/20, *Ioan Micula, Viorel Micula, SC European Food SA, SC Starmill SRI, SC Multipack SRL vs ir-Rumanija*, Deċiżjoni Finali tal-11 ta' Diċembru 2013.

[4] Ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2013: EUR 1 = RON 4,45.

[5] Il-BIT daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003.

[6] Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

[7] Ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-15 ta' Jannar 2014:EUR 1 = RON 4,52.

(5) Fl-1 ta' April 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lill-awtoritajiet Rumeni dwar il-possibbiltà li tinħareġ inġunzjoni ta' sospensjoni sabiex ikun assigurat li ma titħallas l-ebda għajnuna inkompatibbli ulterjuri mill-Istat u talbu l-kummenti tar-Rumanija dwar dan. B'ittra tas-7 ta' April 2014, ir-Rumanija ddikjarat li ma xtaqitx tikkummenta dwar il-possibbiltà li l-Kummissjoni toħroġ inġunzjoni ta' sospensjoni.

(6) B'ittra tas-26 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija bid-deċiżjoni tagħha li toħroġ inġunzjoni ta' sospensjoni ("l-inġunzjoni ta' sospensjoni") skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([8]), li tobbliga lir-Rumanija tissospendi kwalunkwe azzjoni li tista' twassal għall-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tal-parti tad-Deċiżjoni li kienet għadha ma ħallsitx, billi dak ikun jikkostitwixxi ħlas ta' għajnuna illegali mill-Istat, sakemm il-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni finali dwar il-kompatibbiltà ta' dik l-għajnuna mill-Istat mas-suq intern.

(7) B'ittra datata l-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni infurmat lir-Rumanija li hija kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat ("id-deċiżjoni ta' ftuħ") fir-rigward tal-implimentazzjoni parzjali tad-Deċiżjoni mir-Rumanija li seħħet fil-bidu tal-2014 ([9]) kif ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe implimentazzjoni jew eżekuzzjoni ulterjuri tad-Deċiżjoni.

(8) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([10]) fis-7 ta' Novembru 2014. Permezz ta' dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom.

(9) Ir-Rumanija ssottomettiet il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ fis-26 ta' Novembru 2014. Ir-rikorrenti ssottomettew kummenti bħala parti interessata fit-8 ta' Diċembru 2014, wara r-rifjut, min-naħa tal-Kummissjoni, tat-talba tagħhom biex ikollhom perjodu ta' żmien itwal disponibbli sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom. Il-kummenti tar-rikorrenti ntbagħtu lir-Rumanija, li ngħatat l-opportunità biex tirreaġixxi; l-osservazzjonijiet tar-Rumanija dwar il-kummenti tar-rikorrenti waslu fis-27 ta' Jannar 2015.

(10) Ir-rikorrenti talbu aċċess ukoll għall-korrispondenza bil-miktub kollha bejn il-Kummissjoni u r-Rumanija li kien hemm fil-fajl tal-każ. It-talba kienet rifjutata fid-19 ta' Diċembru 2014 u r-rifjut kien affermat fit-2 ta' Marzu 2015.

(11) B'ittri tad-9 u l-11 ta' Marzu 2015, l-awtoritajiet Rumeni infurmaw lill-Kummissjoni li, fil-perjodu mill-5 ta' Frar sal-25 ta' Frar 2015, l-eżekutur maħtur mill-Qorti qabad ammont addizzjonali ta' RON 9 197 482 mill-Ministeru tal-Finanzi u li sar ħlas volontarju tal-ammont li kien fadal (jiġifieri RON 466 760 066) ([11]), mill-Ministeru tal-Finanzi, f'kont imblukkat miftuħ f'isem il-ħames rikorrenti.

2. **SFOND**

Il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli fir-Rumanija qabel l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni

(12) Fl-1 ta' Frar 1995, daħal fis-seħħ il-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni ("EA") bejn il-Komunità Ewropea (il-"Komunità") u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra. ([12]) L-għan tal-EA kien li jipprepara lir-Rumanija għall-adeżjoni fl-Unjoni. L-Artikolu 64(1)(iii) tal-EA ddikjara bħala inkompatibbli mal-funzjonament xieraq tal-EA kwalunkwe għajnuna pubblika li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti sa fejn dawn jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Rumanija. Skont l-Artikolu 64(2) tal-EA, kwalunkwe prattika kuntrarja għal dan l-Artikolu kellha tiġi valutata "fuq il-bażi ta' kriterji li joħorġu mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Artikoli 85, 86 u 92 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea" (issal-Artikoli 101, 102 u 107 tat-Trattat). Din ir-referenza dinamika għall-"kriterji li joħorġu mill-applikazzjoni tar-regoli" tirreferi għar-regoli kollha tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, inklużi dawk li jirregolaw l-għoti ta' għajnuna reġjonali mill-Istat. ([13]) Minbarra l-obbligu sostantiv sabiex tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Artikoli 69 u 71 tal-EA obbligaw lir-Rumanija tarmonizza l-leġislazzjoni domestika tagħha mal-*acquis communautaire*, li jsemmi b'mod espliċitu d-dritt

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

([9]) Ara l-premessa 3.

([10]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2..

([11]) Kienu trasferiti RON 6 028 608 addizzjonali fil-kont imblukkat bħala kumpens għall-ispejjeż tal-eżekuzzjoni.

([12]) ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2.

([13]) Ara wkoll l-Artikolu 2 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għad-Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Rumanija tal-10 ta' April 2001 li tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat imsemmija fl-Artikoli 64(1)(iii) u (2) skont l-Artikolu 64(3) tal-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, u fl-Artikolu 9(1)(iii) u (2) tal-Protokoll Nru 2 dwar prodotti tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) għal dak il-Ftehim (ĠU L 138, 22.5.2001, p. 16).

tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u b'hekk id-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jifforma parti minnu. Għalhekk, l-EA obbliga lir-Rumanija, u r-Rumanija impenjat ruħha li tikkonforma mal-korp kollu tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, l-EA kien parti mill-ordni legali domestiku wara li ġie ratifikat bil-liġi 20/1993 mill-Parlament nazzjonali u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali nazzjonali fit-12 ta' April 1993 ([14]).

(13) Sabiex tikkonforma mal-obbligu ta' armonizzazzjoni tagħha skont l-EA, ir-Rumanija għaddiet il-Liġi Nru 143/1999 dwar l-għajnuna mill-Istat ("liġi dwar l-għajnuna mill-Istat") fl-1999, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000. Dik il-liġi kienet tinkludi l-istess definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat bħal dik kontenuta fl-Artikolu 64 tal-EA u skont id-dritt tal-Unjoni. Dik il-liġi ħatret ukoll lill-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni ([15]) u lill-Uffiċċju Rumen għall-Kompetizzjoni ([16]) bħala l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat, responsabbli sabiex jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mogħtija mir-Rumanija lill-impriżi ([17]) u stabbiliet il-proċedura li għandha tiġi segwita għan-notifika u l-awtorizzazzjoni ta' għajnuna mill-Istat li kienet immudellata fuq l-Artikolu 108 tat-Trattat.

L-iskema ta' inċentivi għall-investiment

(14) Fit-2 ta' Ottubru 1998, ir-Rumanija ppromulgat l-Ordinanza Governattiva ta' Emerġenza 24/1998 ("EGO 24"), li tagħti lil ċerti investituri f'reġjuni żvantaġġati sensiela ta' inċentivi, fosthom:

— l-Artikolu 6(1)(a): eżenzjoni mill-ħlas tad-dazji doganali u t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq makkinarju, għodod, installazzjonijiet, tagħmir, mezzi tat-trasport, oġġetti oħra soġġetti għad-deprezzament li jiġu impurtati jew manifatturati domestikament bl-iskop li jsir investiment f'dak ir-reġjun ("Faċilità għall-Makkinarju");

— l-Artikolu 6(1)(b): rifużjonijiet tad-dazji doganali fuq materja prima, parts tal-bdil u/jew komponenti neċessarji sabiex tinkiseb il-produzzjoni proprja tal-investitur f'dak ir-reġjun ("Faċilità għall-Materja Prima");

— l-Artikolu 6(1)(c): eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa fuq il-profitt matul il-perjodu li fih iż-żona rilevanti tkun ikklassifikata bħala reġjun żvantaġġat ("Faċilità għat-Taxxa fuq il-Profitt").

(15) Il-Gvern Rumen iddeċieda liema reġjuni għandhom jiġu kklassifikati bħala żvantaġġati u għal kemm żmien, sa massimu ta' 10 snin. B'deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 1999, il-Gvern iddikjara ż-żona tal-minjieri ta' Ștei-Nucet, fil-kontea ta' Bihor, bħala reġjun żvantaġġat għal 10 snin, effettivi fl-1 ta' April 1999.

(16) Fil-15 ta' Mejju 2000, il-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni adotta d-Deċiżjoni Nru 244/2000, li fiha sab li diversi mill-inċentivi offruti taħt l-EGO 24 kienu jgħawġu l-kompetizzjoni. Huwa qies li l-"[e]żenzjoni mid-dazju doganali fuq il-materja prima hija kkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat għal skopijiet operattivi … li twassal għal tfixkil tal-kompetizzjoni" u ddeċieda li "ir-rimborż tad-dazji doganali fuq il-materja prima impurtata, il-parts tal-bdil u/jew il-komponenti neċessarji għal skopijiet ta' produzzjoni proprja fi ħdan żona … għandha titħassar". Dik id-deċiżjoni kienet adottata b'riżultat tan-notifika mill-aġenzija nazzjonali għall-iżvilupp reġjonali (il-konċedent tal-għajnuna taħt l-EGO 24) lill-Kunsill għall-Kompetizzjoni, skont il-Liġi Nru 143/1999, tal-modifiki previsti fl-EGO 24 inklużi fl-abbozz ta' Ordinanza Governattiva ta' Emerġenza 75/2000 ("EGO 75"). Fost modifiki oħra nnotifikati, il-leġiżlatur Rumen ippreveda s-sostituzzjoni tar-rimborż tad-dazji doganali skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-EGO 24 (il-Faċilità għall-Materja Prima) b'eżenzjoni mid-dazji doganali fuq materja prima, parts tal-bdil u/jew komponenti impurtati neċessarji għal skopijiet ta' produzzjoni proprja. Fid-Deċiżjoni Nru 244/2000, il-Kunsill għall-Kompetizzjoni ta awtorizzazzjoni kondizzjonali għall-abbozz tal-EGO 75, bil-kundizzjoni li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) il-faċilitajiet skont l-Artikolu 6(1)(b) tal-EGO 24 għandhom jiġu revokati u l-emenda prevista biex ir-rimborż tad-dazji doganali jiġi sostitwit b'eżenzjoni mid-dazji doganali għandha tiġi rtirata u (ii) l-emendi previsti fl-Artikolu 6(1)(c) tal-EGO 24 (il-Faċilità għat-Taxxa fuq il-Profitt) ikunu limitati biss għall-profitt li jerġa' jiġi investit.

([14]) Monitorul Oficial, l-ewwel parti, Nru 73 tat-12 ta' April 1993.

([15]) Il-Kunsill għall-Kompetizzjoni kien u huwa awtorità amministrattiva awtonoma fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u l-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, b'setgħat regolatorji u investigattivi, simili għall-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat.

([16]) L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kien awtorità speċjalizzata subordinata għall-gvern. Ir-responsabbiltajiet prinċipali tal-Uffiċċju kienu: (i) li jwettaq investigazzjonijiet u jeżamina l-infurzar effettiv tad-dispożizzjonijiet legali u d-deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni; (ii) li jissorvelja l-iffissar tal-prezzijiet mill-entitajiet pubbliċi u l-kumpaniji pubbliċi; u (iii) li jassigura t-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat, u li jimmonitorja u jirrapporta n-nefqa tal-għajnuna mill-Istat.

([17]) Bl-Artikolu 1 tar-regoli ta' implimentazzjoni għad-Deċiżjoni Nru 4/2000, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Rumanija ħatar lill-Kunsill għall-Kompetizzjoni u l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni bħala l-entitajiet Rumeni responsabbli sabiex jeżaminaw u jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mal-Ftehim Ewropew tal-1995.

(17) Fl-1 ta' Lulju 2000, daħlet fis-seħħ l-EGO 75. Madankollu, l-EGO 75, kif adottata, ma kinitx tikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni sabiex tirrevoka l-Faċilità għall-Materja Prima u sabiex tirtira l-emenda prevista għaliha. Minflok, hija emendat l-Artikolu 6(1)(b) tal-EGO 24 billi ssostitwiet ir-rifużjoni fuq id-dazji doganali taħt il-Faċilità għall-Materja Prima b'eżenzjoni fuq id-dazji doganali fuq il-materja prima impurtata bi ksur dirett tad-Deċiżjoni Nru 244/2000.

(18) Il-Kunsill għall-Kompetizzjoni sfida n-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, li madankollu warrbet l-applikazzjoni fis-26 ta' Jannar 2001 bħala inammissibbli ([18]). L-inammissibbiltà kienet ibbażata fuq il-fatt li l-EGO 75 kienet ikkunsidrata bħala miżura leġislattiva u mhux amministrattiva, li l-Kunsill għall-Kompetizzjoni ma setax jikkontesta l-legalità tagħha skont il-Liġi Nru 143/1999 u li kwalunkwe kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet legali kellu jiġi solvut mill-gvern u l-Parlament mingħajr interferenza mill-qrati. Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni tal-Ġustizzja tar-Rumanija ċaħdet l-appell tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni kontra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Frar 2002 bħala inammissibbli għal raġunijiet simili ([19]).

(19) Fi Frar 2000, ir-Rumanija bdiet it-taħditiet għall-adeżjoni fl-Unjoni. Il-politika dwar il-kompetizzjoni, li tinkludi l-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, kienet tifforma parti minn dawk in-negozjati. Fil-kuntest ta' dawk in-negozjati, il-Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni tal-21 ta' Novembru 2001 innotat li "hemm numru ta' skemi ta' għajnuna inkompatibbli eżistenti kif ukoll ġodda li ma nġabux konformi mal-acquis", inklużi "faċilitajiet ipprovduti taħt l-[EGO 24 u l-EGO 75]" ([20]).

(20) Fil-31 ta' Awwissu 2004, ir-Rumanija ħassret l-inċentivi kollha pprovduti taħt l-EGO 24, kif emendata bl-EGO 75, ħlief il-Faċilità għat-Taxxa fuq il-Profitt. Ir-revoka tal-inċentivi skont l-EGO 24 daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Frar 2005. Ir-rapport li jakkumpanja l-att li jħassar l-EGO 24, kif emendat bl-EGO 75, spjega: "Sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji fir-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat, u anki sabiex jitlestew in-negozjati skont il-Kapitolu Nru 6 – Politika dwar il-Kompetizzjoni, huwa neċessarju li jiġu eliminati l-forom kollha ta' għajnuna mill-Istat fil-leġislazzjoni nazzjonali li mhumiex kompatibbli mal-acquis communautaire f'dan il-qasam u, f'dan ir-rigward, huwa propost li jitneħħew […] id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 paragrafu (1), l-ittra (b), l-ittra (d) u l-ittra (e) tal-Ordinanza Governattiva ta' Emerġenza Nru 24/1998 dwar iż-żoni żvantaġġati […]" ([21]).

L-investimenti mir-rikorrenti u l-proċedimenti tal-arbitraġġ tal-ICSID

(21) Ir-rikorrenti għamlu ċerti investimenti fiż-żona ta' Ștei-Nucet, Kontea ta' Bihor, ir-Rumanija, fil-bidu tas-snin 2000. Fl-1 ta' Ġunju 2000, S.C. European Food S.A. kisbet ċertifikat ta' investitur permanenti, filwaqt li S.C. Starmill S.R.L. u S.C. Multipack kisbu ċ-ċertifikati ta' investitur permanenti ("PIC") tagħhom fis-17 ta' Mejju 2002, u b'hekk dawk il-kumpaniji saru eliġibbli sabiex jibbenefikaw mill-iskema stabbilita bl-EGO 24, kif emendata bl-EGO 75, għall-investimenti magħmula minnhom minn dawk id-dati 'l quddiem fir-reġjun ta' Ștei-Nucet, kontea ta' Bihor, fir-Rumanija.

(22) Fl-2003, ir-Rumanija u l-Isvezja kkonkludew il-BIT, li ta lill-investituri ta' kull pajjiż (inkluż għall-investimenti li jkunu għamlu qabel id-dħul fis-seħħ tal-BIT ([22])) ċerti protezzjonijiet meta jinvestu fil-pajjiż l-ieħor. Fost affarijiet oħra, il-BIT iggarantixxa t-trattament ġust u ekwu tal-investimenti koperti fl-Istat ospitanti, li ġie interpretat bħala li jinkludi wkoll il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-investituri. Huwa kien jippermetti wkoll lill-investituri li jibdew proċedimenti quddiem tribunal tal-arbitraġġ internazzjonali jekk iħossu li d-drittijiet tagħhom skont il-BIT ġew miksura mill-Istat ospitanti. Billi l-aħwa Micula għandhom ċittadinanza Svediża, huma sostnew li l-investimenti tagħhom fir-Rumanija kienu koperti mill-BIT.

(23) Fit-28 ta' Lulju 2005, u b'reazzjoni għar-revoka tal-inċentivi għall-investiment taħt l-EGO 24, ir-rikorrenti talbu l-istabbiliment ta' tribunal tal-arbitraġġ skont id-dispożizzjonijiet tal-BIT għas-soluzzjoni ta' tilwim. B'deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2008, it-Tribunal sab li t-talbiet tar-rikorrenti kienu ammissibbli. Ir-rikorrenti inizjalment kienu talbu l-istabbiliment mill-ġdid tal-inċentivi għall-investiment skont l-EGO 24 li kienu ġew revokati mit-22 ta' Frar 2005. Madankollu, matul il-proċedimenti, ir-rikorrenti rtiraw parzjalment it-talba tagħhom fl-2009 u minflok talbu

([18]) Id-Deċiżjoni Ċivili Nru 26; ara d-Deċiżjoni, paragrafu 219.
([19]) Ara d-Deċiżjoni, paragrafu 224.
([20]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Novembru 2001, CONF-RO 43/01, p. 4. Matul il-proċess tal-adeżjoni ta' pajjiż applikant, il-Kummissjoni tipproponi regolarment u l-Kunsill jadotta hekk imsejħa pożizzjonijiet komuni, li fihom jiġi evalwat il-progress tal-pajjiż kandidat lejn konformità mal-kriterji tal-adeżjoni.
([21]) Ir-Rapport ta' Prova tal-Verità li jakkumpanja l-EGO 94/2004, 26 ta' Awwissu 2004, pp. 12-13.
([22]) L-Artikolu 9(1) tal-BIT.

kumpens għad-danni li rriżultaw mir-revoka tal-inċentivi skont l-EGO 24. Ir-rikorrenti allegaw li, bir-revoka tal-inċentivi, ir-Rumanija kienet kisret l-aspettattivi leġittimi tagħhom li dawk l-inċentivi jkunu disponibbli, fis-sustanza, sal-1 ta' April 2009. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, ir-Rumanija kienet kisret l-obbligu tagħha ta' trattament ġust u ekwu dovut lilhom bħala investituri Svediżi skont l-Artikolu 2(3) tal-BIT.

(24) Matul il-proċedimenti tal-arbitraġġ, il-Kummissjoni intervjeniet bħala *amicus curiae*. Fl-intervent tagħha, ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni spjegat li l-inċentivi skont l-EGO 24 kienu: "inkompatibbli mar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna reġjonali. B'mod partikolari, l-inċentivi ma kinux jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja rigward l-ispejjeż eliġibbli u l-intensitajiet tal-għajnuna. Barra minn hekk, il-faċilitajiet kienu jikkostitwixxu għajnuna operatorja, li hija pprojbita bir-regoli dwar l-għajnuna reġjonali".

(25) Il-Kummissjoni osservat ukoll li "kwalunkwe deċiżjoni li terġa' tistabbilixxi l-privileġġi aboliti mir-Rumanija, jew li tikkumpensa lir-rikorrenti għat-telf ta' dawk il-privileġġi, twassal għall-għoti ta' għajnuna ġdida li ma tkunx kompatibbli mat-Trattat tal-KE". Hija avżat ukoll lit-Tribunal li l-"eżekuzzjoni ta' [kwalunkwe deċiżjoni li titlob li r-Rumanija terġa' tistabbilixxi skemi ta' investiment li nstabu li mhumiex kompatibbli mas-suq intern matul in-negozjati tal-adeżjoni] għalhekk ma tistax issejjaħ jekk din tmur kontra r-regoli tal-politika tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat".

(26) Fid-Deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2013, it-Tribunal sab li bir-revoka tal-inċentivi skont l-EGO 24, ir-Rumanija "kisret l-aspettattivi leġittimi tar-Rikorrenti fir-rigward tad-disponibbiltà tal-inċentivi skont l-EGO 24" sal-1 ta' April 2009. ([23]) It-Tribunal ikkonkluda wkoll li, bl-eċċezzjoni taż-żamma tal-obbligi tal-investituri skont l-EGO 24 wara r-revoka tal-inċentivi rilevanti, "Ir-revoka tal-inċentivi min-naħa tar-Rumanija kienet azzjoni raġonevoli fl-insegwiment ta' politika razzjonali." ([24]) Madankollu, it-Tribunal kompla jiddikjara li ([25]): "Din il-konklużjoni ma tnaqqasx mill-argument tat-Tribunal […] aktar 'il fuq li r-Rumanija mminat l-aspettattivi leġittimi tar-Rikorrenti fir-rigward tad-disponibbiltà kontinwa tal-inċentivi sal-1 ta' April 2009. Minħabba f'hekk, l-azzjonijiet tar-Rumanija, għalkemm fil-biċċa l-kbira kienu xierqa u mfassla b'mod strett sabiex tiġi segwita politika razzjonali, ma kinux ġusti jew ekwi fir-rigward tar-Rikorrenti."

It-Tribunal ikkonkluda l-analiżi tiegħu billi ddikjara li ([26]): "[B]ir-revoka tal-inċentivi skont l-EGO 24 qabel l-1 ta' April 2009, ir-Rumanija ma aġixxietx b'mod mhux raġonevoli jew b'mala fede (ħlief li r-[Rumanija] aġixxiet b'mod mhux raġonevoli billi żammet l-obbligi tal-investituri wara li tterminat l-inċentivi). It-Tribunal, madankollu, jikkonkludi b'maġġoranza li r-Rumanija kisret l-aspettattivi leġittimi tar-Rikorrenti li dawk l-inċentivi kienu se jkunu disponibbli, sostanzjalment fl-istess forma, sal-1 ta' April 2009. Ir-Rumanija naqset ukoll li taġixxi b'mod trasparenti billi naqset milli tinforma fil-ħin lir-Rikorrenti li r-reġim kien se jiġi tterminat qabel id-data ta' skadenza ddikjarata tiegħu. Minħabba f'hekk, it-Tribunal isib li r-Rumanija naqset milli "tassigura trattament ġust u ekwu tal-investimenti" tar-Rikorrenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tal-BIT".

(27) It-Tribunal iddeċieda wkoll li r-Rumanija kellha tħallas id-danni lir-rikorrenti ([27]). B'kollox, it-Tribunal ta lir-rikorrenti RON 376 433 229 flimkien mal-imgħax. Id-danni huma komposti kif ġej: it-Tribunal sab li r-Rumanija kellha tħallas RON 85,1 miljun ([28]) lir-rikorrenti f'danni għaż-żieda fil-prezz taz-zokkor (li għall-importazzjoni tiegħu r-rikorrenti kellhom iħallsu dazji doganali wara r-revoka tal-Faċilità għall-Materja Prima), RON 17,5-il miljun ([29]) f'danni għaż-żieda fil-prezz ta' materja prima għajr iz-zokkor u l-PET ([30]), RON 18,1-il miljun ([31]) f'danni għat-telf tal-abilità li jaħżnu għal quddiem iz-zokkor bi prezzijiet aktar baxxi, u RON 255,7 miljun ([32]) f'danni għall-profitt

([23]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 725.
([24]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 827.
([25]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 24.
([26]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 872.
([27]) Id-Deċiżjoni, paragrafi 875 *et seq*.
([28]) Dan l-ammont huwa kkalkulat għall-importazzjonijiet magħmula matul it-22 ta' Frar 2005 u l-31 ta' Marzu 2009.
([29]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 28.
([30]) Ir-rikorrenti talbu kumpens għall-prezz miżjud tal-PET. Madankollu, it-Tribunal irrifjuta din it-talba minħabba li r-rikorrenti fil-fatt qatt ma kienu bbenefikaw mill-Faċilità għall-Materja Prima fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-PET.
([31]) Dan l-ammont huwa kkalkulat abbażi tad-dazji doganali ċċarġjati fuq iz-zokkor impurtat u li kienu jiġu evitati, kieku r-rikorrent kellu l-opportunità li jaħżen għal quddiem iz-zokkor qabel l-iskadenza prevista tal-EGO (jiġifieri l-1 ta' April 2009). Il-parametru referenzjarju huwa bbażat fuq il-ħażniet fl-2004/2005.
([32]) Il-profitti mitlufa huma kkalkulati fuq il-perjodu 2004-2008 għat-telf fl-ishma mis-suq tas-soft drinks u prodotti oħra li kien fihom iz-zokkor. L-argument huwa li wara r-revoka tal-inċentivi tal-EGO, żdiedu l-ispejjeż li wasslu għal prezzijiet ogħla u għalhekk għal ishma aktar baxxi mis-suq.

mitluf li jirriżulta mill-bejgħ mitluf ta' prodotti lesti. Barra minn hekk, it-Tribunal ordna lir-Rumanija tħallas imgħax (ROBOR u 5 %), ikkalkulat mill-1 ta' Marzu 2007 fir-rigward taż-żieda fil-prezz taz-zokkor u materja prima oħra, mill-1 ta' Novembru 2009 fir-rigward tat-telf tal-abilità li jaħżnu iz-zokkor għal quddiem, u mill-1 ta' Mejju 2008 fir-rigward tal-profitti mitlufa. Fid-data tad-Deċiżjoni, il-prinċipal u l-imgħax dovuti lir-rikorrenti kienu jammontaw għal RON 791 882 452, kif jidher fit-Tabella.

Danni u mgħax kif moghtija lir-rikorrenti bid-Deċiżjoni

Danni moghtija	Ammont (f'RON)	Imgħax ikkalkulat minn
Żieda fil-prezz taz-zokkor	85 100 000	fl-1 ta' Marzu 2007.
Żieda fil-prezz ta' materja prima għajr iz-zokkor jew il-PET	17 500 000	fl-1 ta' Marzu 2007.
Opportunità mitlufa li jaħżnu z-zokkor għal quddiem	18 133 229	fl-1 ta' Novembru 2009.
Profitti mitlufa fuq il-bejgħ ta' prodotti lesti	255 700 000	fl-1 ta' Mejju 2008.
		Total li jinkludi l-imgħax fil-11 ta' Diċembru 2013:
TOTAL	**376 433 229**	**RON 791 882 452**

Il-Proċedimenti ta' Annullament tal-ICSID

(28) Fit-18 ta' April 2014, ir-Rumanija ppreżentat applikazzjoni għall-annullament tad-Deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 52 tal-Konvenzjoni dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investimenti bejn l-Istati u ċ-Ċittadini ta' Stati Oħra tat-18 ta' Marzu 1965 ("Konvenzjoni dwar l-ICSID") quddiem kumitat *ad hoc*. Minħabba r-regoli proċedurali applikabbli għal dawk il-proċedimenti, ir-Rumanija ma pprovdietx lill-Kummissjoni l-applikazzjoni tagħha. Madankollu, deher ċar li fl-applikazzjoni tagħha, ir-Rumanija talbet ukoll lill-kumitat *ad hoc* jordna s-sospensjoni tal-infurzar tad-Deċiżjoni sakemm il-kumitat jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-annullament. B'ittra tat-18 ta' Awwissu 2014, ir-Rumanija infurmat lill-Kummissjoni li b'ordni tas-7 ta' Awwissu 2014, il-kumitat *ad hoc* issospenda l-infurzar tad-Deċiżjoni bil-kundizzjoni li r-Rumanija tiddepożita, fi żmien xahar, l-assigurazzjonijiet li ġejjin: "Ir-Rumanija timpenja ruħha mingħajr kundizzjonijiet (inklużi dawk relatati mal-Liġi jew deċiżjonijiet tal-[UE]) li tagħmel il-pagament sħiħ tal-obbligu finanzjarju tagħha impost bid-Deċiżjoni fil-Kawża tal-ICSID Nru ARB/05/20 - u dovut lir-Rikorrenti - sakemm id-Deċiżjoni ma tkunx annullata - wara n-notifika tad-Deċiżjoni dwar l-annullament".

(29) Fuq talba tar-Rumanija, il-Kummissjoni spjegat lir-Rumanija li hija ma setgħetx tipprovdi l-impenn inkondizzjonat li se tħallas il-kumpens moghti lir-Rikorrenti skont id-Deċiżjoni anki jekk dak kien jinvolvi ksur tal-obbligi tagħha skont id-dritt tal-Unjoni u irrispettivament minn kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni. Ir-Rumanija wieġbet f'dan ir-rigward lill-kumitat *ad hoc* li neħħa s-sospensjoni tal-infurzar tad-Deċiżjoni mis-7 ta' Settembru 2014.

(30) Fil-15 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ssottomettiet applikazzjoni lill-kumitat *ad hoc* għall-awtorizzazzjoni biex tintervjeni bħala parti mhux litiganti fil-proċedimenti ta' annullament. L-awtorizzazzjoni biex tintervjeni ngħatat mill-kumitat *ad hoc* fl-4 ta' Diċembru 2014 u l-Kummissjoni ssottomettiet is-sommarju tal-fatti *amicus curiae* tagħha f'dawk il-proċedimenti fid-9 ta' Jannar 2015.

L-Azzjonijiet tar-Rikorrenti għar-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni fil-Qrati Rumeni u tal-Istati Uniti

(31) L-awtoritajiet Rumeni infurmaw ukoll lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-proċedimenti nazzjonali introdotti mir-rikorrenti sabiex jinfurzaw id-deċiżjoni. Fi Frar 2014, Viorel Micula l-ewwel introduċa l-proċedimenti tal-qorti bil-għan li tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni abbażi tal-Kodiċi Ċivili Proċedurali Ġdid (l-Artikoli 1124-1132) ([33]). Fis-7 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni intervjeniet f'dawk il-proċedimenti skont l-Artikolu 23a(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Madankollu, Viorel Micula rtira l-azzjoni tiegħu fit-28 ta' Mejju 2014 u għalhekk ma ngħatat l-ebda sentenza. B'mod separat, fit-18 ta' Marzu 2014, l-erba' rikorrenti l-oħra (S.C. European Food S.A., S.C. Starmill S.R.L., S.C. Multipack, u s-Sur Ion Micula) bdew proċedimenti tal-qorti fir-Rumanija bil-għan li tiġi infurzata d-Deċiżjoni skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID li titlob il-ħlas ta' 80 % tal-ammont pendenti (jiġifieri RON 301 146 583) u l-imgħax korrispondenti.

([33]) Il-Kawża Nru 3456/3/2014, Tribunal ta' Bukarest.

(32) Fl-24 ta' Marzu 2014, it-Tribunal ta' Bukarest ippermetta l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni kif mitlub mill-erba' rikorrenti fid-dawl tal-fatt li, fuq il-bażi tal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID li kienet ratifikata mir-Rumanija u hija parti mill-ordni legali domestiku, id-Deċiżjoni hija att direttament infurzabbli u trid tiġi ttrattata bħala sentenza domestika finali, u b'hekk elimina l-bżonn tal-proċedura għar-rikonoxximent tad-Deċiżjoni fuq il-bażi tal-Kodiċi Ċivili Proċedurali Ġdid Rumen (l-Artikoli 1123-1132) ([34]). Fit-30 ta' Marzu 2014, eżekutur beda l-proċedura tal-infurzar billi ta lill-Ministeru tal-Finanzi Rumen skadenza ta' 6 xhur biex iħallas lill-erba' rikorrenti 80 % tad-Deċiżjoni flimkien mal-imgħax u spejjeż oħra.

(33) Ir-Rumanija kkontestat l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Bukarest u talbet għal miżuri interim, jiġifieri s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni sakemm il-Kawża tkun ġiet deċiża fuq il-merti tagħha. ([35]) Fl-14 ta' Mejju 2014, il-Qorti ta' Bukarest issospendiet temporanjament l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-merti tal-oġġezzjoni tar-Rumanija u t-talba sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni. Fis-26 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni intervjeniet f'dawk il-proċedimenti skont l-Artikolu 23a(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Il-Kummissjoni stiednet lit-Tribunal ta' Bukarest sabiex jissospendi u jħassar l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni. B'mod alternattiv, il-Kummissjoni stiednet lit-Tribunal ta' Bukarest biex jirreferi mistoqsija preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QtĠ-UE").

(34) Fit-23 ta' Settembru 2014, it-Tribunal ta' Bukarest, fil-Kawża dwar il-miżuri interim, neħħa s-sospensjoni u ċaħad it-talba tar-Rumanija għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni. Ir-raġuni ewlenija għal dak ir-rifjut kienet it-tneħħija tas-sospensjoni tal-infurzar tad-Deċiżjoni mill-kumitat *ad hoc* tal-ICSID fis-7 ta' Settembru 2014 (ara l-premessa 29). Fit-30 ta' Settembru 2014, ir-Rumanija ddeċidiet li tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Bukarest tat-23 ta' Settembru 2014 ([36]). Fit-13 ta' Ottubru 2014, it-Tribunal ta' Bukarest irrifjuta t-talba biex jibgħat mistoqsijiet preliminari lill-QtĠ-UE fuq il-bażi tal-Artikolu 267 tat-Trattat. Fis-17 ta' Ottubru 2014, fl-isfond tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, fil-kuntest tal-Kawża Nru 15755/3/2014 quddiem it-Tribunal ta' Bukarest, ir-Rumanija reġgħet talbet miżuri interim fil-forma tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni.

(35) Minkejja l-obbligu tal-awtoritajiet kollha Rumeni, inkluża l-ġudikatura, sabiex jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2014 u tal-1 ta' Ottubru 2014, l-eżekutur maħtur mit-Tribunal ta' Bukarest ħareġ ordnijiet fil-31 ta' Ottubru 2014 sabiex jinqabdu l-kontijiet tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Rumanija u titfittex l-eżekuzzjoni ta' 80 % tad-Deċiżjoni. B'riżultat tal-ittri ta' sekwestru maħruġa mill-eżekutur, xi partijiet mill-kontijiet bankarji u tat-teżor tal-istat tal-Ministeru tal-Finanzi bħalissa huma ffriżati.

(36) Fl-24 ta' Novembru 2014, it-Tribunal ta' Bukarest irrifjuta wkoll l-azzjoni prinċipali tar-Rumanija kontra l-ordni ta' eżekuzzjoni tal-24 ta' Marzu 2014, inkluża t-talba għall-miżuri interim tas-17 ta' Ottubru 2014. Fl-14 ta' Jannar 2015, ir-Rumanija appellat mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Bukarest ([37]). Fl-24 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest neħħiet id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Bukarest tat-23 ta' Settembru 2014 u ssospendiet l-eżekuzzjoni sakemm jiġi deċiż l-appell kontra d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Bukarest tal-24 ta' Novembru 2014. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tfittex l-awtorizzazzjoni biex tintervjeni f'dawk il-proċedimenti tal-appell fuq il-bażi tal-Artikolu 23a(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

(37) Fil-5 ta' Jannar 2015, l-eżekutur maħtur mill-Qorti qabad RON 36 484 232 (madwar EUR 8,1 miljun ([38])) mill-Ministeru tal-Finanzi tar-Rumanija. Minn din is-somma, l-eżekutur suċċessivament ittrasferixxa RON 34 004 232 (madwar EUR 7,56 miljun) f'partijiet indaqs lil tlieta mill-ħames rikorrenti, u żamm il-bqija bħala kumpens għall-ispejjeż tal-eżekuzzjoni. Bejn il-5 ta' Frar u l-25 ta' Frar 2015, l-eżekutur maħtur mill-Qorti qabad RON 9 197 482 (madwar EUR 2 miljun) ([39]) oħra mill-Ministeru tal-Finanzi. Fid-9 ta' Marzu 2015, il-Ministeru tal-Finanzi ttrasferixxa b'mod volontarju l-ammont li kien fadal ta' RON 472 788 675 (madwar EUR 106,5 miljun ([40])) (inklużi l-ispejjeż tal-eżekutur maħtur mill-Qorti li kienu jammontaw għal RON 6 028 608) f'kont imblukkat f'isem il-ħames rikorrenti biex jimplimenta d-Deċiżjoni. Madankollu, il-ħames rikorrenti jistgħu jiġbdu l-flus biss jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-għajnuna mill-Istat mogħtija fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tkun kompatibbli mas-suq intern.

([34]) L-Ordni maħruġa mit-Tribunal ta' Bukarest fil-Kawża Nru 9261/3/2014, Sezzjoni IV Ċivili.
([35]) Il-Kawża Nru 15755/3/2014, Tribunal ta' Bukarest, Sezzjoni III Ċivili.
([36]) Il-Kawża Nru 15755/3/2014/a1, Qorti tal-Appell ta' Bukarest, Sezzjoni IV Ċivili.
([37]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 36.
([38]) Ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-5 ta' Jannar 2015: EUR 1 = RON 4,49.
([39]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 38.
([40]) Ir-rata tal-kambju ta' referenza tal-Bank Ċentrali Ewropew fid-9 ta' Marzu 2015: EUR 1 = RON 4,44

(38) Il-Kummissjoni skopriet ukoll li s-Sur Viorel Micula beda wkoll azzjoni kontra r-Rumanija quddiem il-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta' Columbia ([41]). Dak il-każ huwa pendenti. Il-Kummissjoni beħsiebha tapplika għall-awtorizzazzjoni biex tippreżenta sommarju tal-fatti *amicus curiae* f'dawk il-proċedimenti. Is-Sur Viorel Micula beda wkoll aktar proċedimenti ta' infurzar kontra r-Rumanija quddiem il-qrati Rumeni fit-3 ta' Ottubru 2014, iżda dik it-talba kienet rifjutata mit-Tribunal ta' Bukarest fit-3 ta' Novembru 2014.

3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA U RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA

Deskrizzjoni tal-Miżura

(39) Il-miżura li qed tiġi valutata hija l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti bis-saħħa tad-Deċiżjoni, bl-implimentazzjoni jew bl-eżekuzzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, flimkien mal-imgħax li akkumula minn meta nħarġet dik id-Deċiżjoni.

(40) Kif innotat fil-premessa 3, ir-Rumanija diġà ħallset b'mod parzjali dak il-kumpens fil-bidu tal-2014 billi paċiet id-djun tat-taxxa dovuti minn wieħed mir-rikorrenti, S.C. European Food S.A., lill-Istat Rumen. Id-djun tat-taxxa paċuti b'dan il-mod jammontaw għal RON 337 492 864 (madwar EUR 76 miljun ([42])).

(41) Kif innotat fil-premessa 37, l-eżekutur maħtur mill-qorti qabad RON 45 681 714 (madwar EUR 10,17 miljun ([43])) mill-Ministeru tal-Finanzi tar-Rumanija biex jesegwixxi d-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni ttrasferew l-ammont li kien fadal ta' RON 472 788 675 (madwar EUR 106,5 miljun ([44])) (inklużi l-ispejjeż tal-eżekutur maħtur mill-qorti li jammontaw għal RON 6 028 608) f'kont imblukkat f'isem il-ħames rikorrenti.

(42) Skont l-awtoritajiet Rumeni, id-deċiżjoni tal-arbitraġġ kienet implimentata b'mod sħiħ.

Raġunijiet għall-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali

(43) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti, permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Din il-konklużjoni preliminari hija bbażata fuq is-sejbiet preliminari li:

— il-ħames rikorrenti jikkostitwixxu unità ekonomika waħda li trid tiġi kwalifikata bħala impriża;

— il-pagament tal-kumpens mogħti jagħti lir-rikorrenti vantaġġ ekonomiku mhux disponibbli b'mod ieħor fis-suq;

— il-preżenza ta' vantaġġ mhijiex prekluża mill-fatt li l-kumpens mogħti mit-Tribunal huwa indikat bħala kumpens għad-danni, billi d-Deċiżjoni ma taqax fl-ambitu tal-ġurisprudenza *Asteris* li tiddistingwi d-danni mill-għajnuna mill-Istat;

— il-vantaġġ mogħti huwa selettiv, billi r-rikorrenti biss se jibbenefikaw mill-miżura;

— il-vantaġġ huwa mogħti minn riżorsi tal-Istat, billi l-ħlasijiet rilevanti se jsiru mill-baġit tal-Istat, u d-deċiżjoni li jingħata l-vantaġġ hija imputabbli lir-Rumanija, irrispettivament minn jekk ir-Rumanija implimentatx id-Deċiżjoni b'mod volontarju jew fuq ordni ta' qorti;

— il-ħlas tal-kumpens mogħti lir-rikorrenti jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(44) Il-Kummissjoni mbagħad stabbiliet li l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat f'dan il-każ ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi protetti bl-Artikolu 351 tat-Trattat. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-ħlas tal-kumpens lir-rikorrenti jkun jikkostitwixxi għajnuna ġdida, billi l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni jseħħu wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, u li ma kienx importanti li xi whud mill-ispejjeż li l-miżura *de facto* tirrimborża kienu mġarrba mir-rikorrenti qabel l-adeżjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti, permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, ma jkunx kompatibbli mas-suq intern, billi ma jissodisfax il-kundizzjonijiet applikabbli tal-kompatibbiltà għall-għajnuna reġjonali.

([41]) Il-Kawża Nru 1-14-cv-600 Viorel Micula v. il-Gvern tar-Rumanija fil-Qorti Distrettwali tal-Istati Uniti għad-Distrett ta' Columbia – Petizzjoni biex tikkonferma d-deċiżjoni tal-ICSID u ddaħħal is-sentenza.
([42]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7.
([43]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 38.
([44]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 40.

4. KUMMENTI MIR-RUMANIJA

(45) Ir-Rumanija l-ewwel nett tirrimarka li, skont l-Artikolu 54(1) tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID, li r-Rumanija saret parti fiha fl-1975, kull Stat parti "għandu jirrikonoxxi deċiżjoni mogħtija skont din il-Konvenzjoni bħala vinkolanti u jinforza l-obbligi finanzjarji imposti b'dik id-deċiżjoni fi ħdan it-territorji tiegħu daqs li kieku kienet sentenza finali ta' qorti f'dak l-Istat". Ir-Rumanija targumenta li l-konsegwenza ta' din il-klawsola hija li kull Stat parti għandu obbligu li jirrikonoxxi u jinforza deċiżjoni ta' arbitraġġ tal-ICSID li l-eżekuzzjoni tagħha ma tkunx ġiet sospiża skont ir-regoli tal-Konvenzjoni dwar l-ICSID, u meta ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' appell kontra tali deċiżjoni quddiem il-qrati nazzjonali.

(46) It-tieni, ir-Rumanija tisħaq li l-gvern Rumen huwa marbut li jikkonforma mal-kostituzzjoni Rumena, li tipprojbih milli jinfluwenza b'mod mhux xieraq lill-imħallfin nazzjonali rigward il-kwistjoni ta' jekk jinfurzawx jew le d-Deċiżjoni. Hija tisħaq li l-qorti nazzjonali ddeċidiet b'mod awtonomu li d-diversi atti maħruġa mill-Kummissjoni fl-2014 ma setgħux jissospendu l-infurzar tad-Deċiżjoni skont il-liġi Rumena. Ir-Rumanija targumenta wkoll li, filwaqt li skont il-kostituzzjoni Rumena, id-dritt tal-Unjoni ġeneralment jieħu preċedenza fuq il-liġi nazzjonali Rumena (ordinarja), id-dritt tal-Unjoni ma jistax jannulla l-kostituzzjoni Rumena nnifisha.

(47) It-tielet, ir-Rumanija ssostni li l-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti m'għandux jiġi ttrattat bħala għajnuna ġdida mhux kompatibbli, iżda bħala kumpens għad-danni fis-sens tal-ġurisprudenza *Asteris*. Ir-Rumanija toġġezzjona, b'mod partikolari, għall-applikazzjoni tal-ġurisprudenza *Lucchini* għall-każ preżenti, fejn targumenta li l-isfond fattwali jiddistingwi l-każ preżenti minn dak li l-QtĠ-UE ddeċidiet dwaru f'*Lucchini* ([45]).

(48) Fl-aħħar nett, ir-Rumanija tenfasizza ripetutament il-kunflitt ikkonfermat fil-każ preżenti bejn l-obbligi tar-Rumanija skont il-Konvenzjoni dwar l-ICSID u skont id-dritt tal-Unjoni. Hija ssostni li sakemm ikun ġie stabbilit f'livell tal-ICSID jekk għandhiex tieħu preċedenza l-Konvenzjoni dwar l-ICSID jew id-dritt tal-Unjoni, l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-ICSID m'għandhomx jitqiesu bħala li jikkostitwixxu għajnuna illegali mill-Istat.

5. KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI

(49) L-unika parti interessata li ssottomettiet osservazzjonijiet dwar id-deċiżjoni ta' ftuħ kienu r-rikorrenti fil-proċedimenti tal-arbitraġġ li wasslu għad-Deċiżjoni. Ir-rikorrenti jikkontestaw is-sejbiet preliminari kontenuti fid-deċiżjoni ta' ftuħ. B'mod partikolari, huma jagħmlu osservazzjonijiet rigward (i) l-isfond tal-każ u (ii) l-allegata deskrizzjoni skorretta tal-miżura; huma jargumentaw li (iii) ma hemm l-ebda kunflitt bejn ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-BITs intra-UE; huma jsostnu li (iv) l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat jew (v) għall-inqas mhux għajnuna ġdida; huma jsostnu li jekk tkun ikkaratterizzata bħala għajnuna (vi) l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tkun għajnuna kompatibbli; huma jsostnu li (vii) il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tipprojbixxi lill-Kummissjoni milli tadotta deċiżjoni negattiva; u fl-aħħar nett jargumentaw li (viii) il-Kummissjoni trid tieħu passi sabiex tinvolvi b'mod xieraq lir-rikorrenti fil-proċedura tal-investigazzjoni.

Rigward l-isfond tal-każ

(50) Ir-rikorrenti jispjegaw li wara l-waqgħa tar-reġim komunista fl-1989, ir-Rumanija sabet ruħha fi stat ta' privazzjoni ekonomika kbira. Is-sitwazzjoni kienet tali li meta r-Rumanija bdiet il-proċess tal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea fl-1995, hija kienet 'il bogħod milli tissodisfa l-kriterji tal-adeżjoni fl-Unjoni. Sabiex jaċċellera l-iżvilupp ekonomiku u jnaqqas id-differenzi reġjonali, il-gvern Rumen stabbilixxa qafas għall-iżvilupp reġjonali u ftit wara adotta l-EGO 24 biex jinċentiva l-investimenti mis-settur privat f'reġjuni żvantaġġati. L-inċentivi tal-EGO 24 kienu mmirati biss għal investituri li joħolqu impjiegi fl-aktar reġjuni żvantaġġati f'wieħed mill-iżjed pajjiżi foqra fl-Ewropa. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jenfasizzaw b'mod partikolari li l-EGO 24 mhux biss ipprovdiet vantaġġi lill-investituri, iżda imponiet ukoll obbligi, bħall-obbligu li joħolqu l-impjiegi u jimpjegaw ħaddiema li qabel kienu qiegħda, jiżviluppaw u jipproduċu materjali ġodda f'reġjun żvantaġġat, iżommu l-uffiċċju prinċipali tal-kumpaniji stabbiliti ġodda fir-reġjun żvantaġġat, u l-obbligu li japplikaw għal u jirċievu PIC.

(51) Ir-rikorrenti jispjegaw ukoll li l-kumpaniji tagħhom kisbu PICs bejn is-sena 2000 u l-2002 talli investew fil-Kontea ta' Bihor. Skont it-termini ta' dawk il-PICs, li kienu validi sal-1 ta' April 2009, ir-rikorrenti impenjaw ruħhom li jżommu l-investimenti tagħhom għad-"doppju tal-perjodu taż-żmien li fih [ir-rikorrenti] kienu jgawdu l-vantaġġi" stabbiliti bl-EGO 24. Permezz tal-investimenti tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li ħolqu madwar 9 000 impjieg ġdid, li 7 000 minnhom għadhom jeżistu sal-lum. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-investimenti tagħhom wasslu għal effetti

([45]) Ara d-Deċiżjoni ta' Ftuħ, premessa 39.

konsegwenzjali sinifikanti fir-reġjun. Il-konklużjoni li r-rikorrenti jiġbdu minn dawn l-osservazzjonijiet hija li permezz tal-investimenti tagħhom, huma kkontribwew sabiex itaffu t-tbatija kkawżata mill-kundizzjonijiet ekonomiċi ħżiena fir-reġjun tal-Kontea ta' Bihor u tejbu l-kwalità tal-ħajja f'dak ir-reġjun.

(52) Rigward il-liġijiet dwar l-għajnuna mill-Istat li kien hemm fis-seħħ fir-Rumanija qabel l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni, ir-rikorrenti jargumentaw li billi l-EGO 24 kienet stabbilita qabel daħlet fis-seħħ il-Liġi Nru 143/1999, l-EGO 24 kienet għajnuna eżistenti għall-finijiet ta' dik il-liġi u ma kellhiex għalfejn tiġi awtorizzata mill-Kunsill għall-Kompetizzjoni. Ir-rikorrenti jfakkru wkoll li filwaqt li l-Kunsill għall-Kompetizzjoni pprova jirrikuża l-EGO 75 fil-qrati Rumeni, huwa ma kkontestax il-kompatibbiltà tal-EGO 24 mal-Liġi Nru 143/1999. Ir-rikorrenti jfakkru wkoll li, bl-eċċezzjoni tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE tal-21 ta' Novembru 2001, l-ebda dikjarazzjoni maħruġa mill-Unjoni matul il-proċess tal-adeżjoni ma identifikat b'mod speċifiku l-EGO 24 bħala problematika mill-perspettiva ta' għajnuna mill-Istat.

(53) Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li kwalunkwe nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa tad-Deċiżjoni, jew l-irkupru tal-parti li diġà ġiet implimentata permezz tat-tpaċija tad-djun tat-taxxa tar-rikorrenti kontra l-kumpens dovut, ikun diżastruż għar-rikorrenti u r-reġjun, billi jipperikola eluf ta' impjiegi u jdawwar lura l-iżvilupp ekonomiku li seħħ fir-reġjun.

Rigward id-deskrizzjoni tal-miżura

(54) Ir-rikorrenti jargumentaw li d-deċiżjoni ta' ftuħ mhijiex konsistenti meta tidentifika l-miżura rilevanti. B'referenza għall-premessi 25 u 26 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, ir-rikorrenti jisħqu li, filwaqt li l-Kummissjoni tgħid li qiegħda tinvestiga biss l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, fir-realtà hija qiegħda tikkontesta l-iskema sottostanti tal-EGO 24. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, fi kwalunkwe każ, qatt ma ġie stabbilit b'mod validu li l-EGO 24 kienet tammonta għal għajnuna inkompatibbli mill-Istat.

(55) Filwaqt li jsostnu wkoll li d-deċiżjoni ta' ftuħ ma tikkaratterizzax sewwa d-Deċiżjoni, ir-rikorrenti jargumentaw li d-Deċiżjoni tat kumpens biss għad-danni li jirriżultaw mill-ksur tal-BIT min-naħa tar-Rumanija u ma tirreplikax il-benefiċċji tal-EGO 24. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, it-Tribunal ma tax kumpens għar-revoka qabel iż-żmien tal-inċentivi tal-EGO 24 *per se*, iżda pjuttost li l-miżuri li nstabu li qegħdin jiksru l-BIT huma li r-Rumanija aġixxiet b'mod mhux raġonevoli billi (i) żammet sħiħ l-obbligu tal-investitur skont l-EGO 24 minkejja li rrevokat tista' tgħid il-benefiċċji kollha tagħha, (ii) billi mminat l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti fir-rigward tad-disponibbiltà kontinwa tal-inċentivi skont l-EGO 24, u (iii) billi ma kinitx trasparenti biżżejjed mar-rikorrenti.

(56) Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li d-deċiżjoni ta' ftuħ hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li l-EGO 24 kienet tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli, u li din is-suppożizzjoni hija difettuża minħabba li l-kompatibbiltà tal-EGO 24 bħala għajnuna reġjonali qatt ma ġiet determinata b'mod validu.

Rigward in-nuqqas ta' kunflitt bejn ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-BITs intra-UE

(57) B'referenza għall-premessi 51 sa 55 tad-deċiżjoni ta' ftuħ, ir-rikorrenti jsostnu li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jittrattaw l-obbligi tal-Istati Membri skont il-liġi internazzjonali, mhumiex rilevanti f'dan il-każ billi ma hemm l-ebda kunflitt bejn id-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-BIT. Essenzjalment, ir-rikorrenti jargumentaw li kwalunkwe kunflitt huwa eskluż mill-fatt li l-proċedimenti ta' arbitraġġ inkwistjoni nbdew qabel ma r-Rumanija aderiet fl-Unjoni. L-obbligu tar-Rumanija li timplimenta d-Deċiżjoni jingħad li jieqaf mill-mument li fih seħħ l-allegat ksur tal-BIT, jiġifieri qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, u għalhekk mhuwiex affettwat mid-dritt tal-Unjoni.

Rigward il-karatterizzazzjoni tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni bħala għajnuna mill-Istat

(58) Ir-rikorrenti jsostnu li l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni mir-Rumanija ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(59) L-ewwel nett, filwaqt li ma jikkontestawx il-kwalifika ta' S.C. European Food S.A., S.C. Starmill S.R.L., u S.C. Multipack bħala impriżi, ir-rikorrenti jsostnu li ma jistax jingħad li Ioan u Viorel Micula nfushom huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi. B'mod partikolari, il-fatt li l-aħwa Micula għandhom ishma f'diversi impriżi jingħad li mhuwiex suffiċjenti biex jikkwalifika lilhom infushom bħala impriżi. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li t-tliet kumpaniji hawn fuq imsemmija u l-aħwa Micula ma jistgħux jiġu ttrattati bħala unità ekonomika unika, billi l-interessi tal-aħwa mhumiex l-istess bħal dawk tal-kumpaniji.

(60) It-tieni, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ma tagħtihomx vantaġġ. Huma jargumentaw li l-miżuri li jservu sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi legali, bħall-pagament tal-kumpens għad-danni, ma jikkostitwux trattament preferenzjali tal-impriżi. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma tistax tibbaża fuq id-dikjarazzjoni tal-Avukat Ġenerali Colomer f'*Atzeni*, billi dik il-Kawża kienet tirrigwarda danni mħallsa lil benefiċjarju b'kumpens għall-irkupru ta' għajnuna inkompatibbli li diġà kienet tħallset. Ir-rikorrenti jsostnu li, b'kuntrast,

huma ma kienu tħallsu l-ebda għajnuna mill-Istat, wisq anqas għajnuna illegali mill-Istat, u għalhekk huma differenti minn *Atzeni*. Bl-istess mod, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kawża preżenti ma tistax titqies l-istess bħall-kawżi msemmija fid-deċiżjoni ta' ftuħ fejn klawsoli fil-kuntratt li jindennizzaw lill-benefiċjarji għall-irkupru ta' għajnuna inkompatibbli mill-Istat tqiesu li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat huma stess.

(61) Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni taqa' preċiżament taħt il-ġurisprudenza *Asteris*. Huma jargumentaw li r-raġunament wara l-ġurisprudenza *Asteris*, kif ukoll kawżi bħal *Denkavit* ([46]) u *ThyssenKrupp* ([47]), huwa li l-pagament tad-danni mhuwiex fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri, u għalhekk ma jistax jikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat. L-impenji tar-Rumanija skont il-BIT huma sostnuti wkoll li huma espressjoni tar-regoli ġenerali tar-responsabbiltà li għalihom tapplika l-ġurisprudenza *Asteris*. Rigward l-argument tal-Kummissjoni li l-ġurisprudenza *Asteris* ma tapplikax għad-danni mogħtija abbażi ta' BITs intra-UE kkunsidrati bħala inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, ir-rikorrenti jsostnu li kwalunkwe inkompatibbiltà bħal din ma tirrendix mingħajr effett id-Deċiżjoni mogħtija abbażi ta' tali BIT. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ma tistax titqies li tagħti għajnuna mill-Istat "mill-bieb ta' wara", billi d-Deċiżjoni ma terġax tistabbilixxi l-iskema abolita tal-EGO 24; pjuttost, id-Deċiżjoni jingħad li tagħti d-danni għad-deċiżjoni awtonoma tar-Rumanija li, fost affarijiet oħra, iżżomm piż mhux raġonevoli impost fuq ir-rikorrenti.

(62) Ir-rikorrenti jsostnu ukoll li l-argumenti tal-Kummissjoni rigward l-inkompatibbiltà tal-BIT mad-dritt tal-Unjoni huma irrilevanti, billi t-tilwima li wasslet għall-proċedimenti ta' arbitraġġ u finalment għad-Deċiżjoni, qamet qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni. Filwaqt li jargumentaw li l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ hija bbażata fuq ir-rabta, b'mod żbaljat, tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni mal-inkompatibbiltà tal-iskema tal-EGO 24, ir-rikorrenti jerġgħu jsostnu li fi kwalunkwe każ, id-Deċiżjoni ma tatx id-danni abbażi tad-deċiżjoni tar-Rumanija li tikkonforma mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(63) Ir-rikorrenti jikkontestaw ukoll li d-deċiżjoni tal-QtĠ-UE f'*Lucchini*, li l-Kummissjoni għamlet referenza għaliha fid-deċiżjoni ta' ftuħ, għandha xi rilevanza għall-Kawża preżenti. Fl-opinjoni tagħhom, *Lucchini* tistabbilixxi biss li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali ma jistgħux ifixklu l-irkupru ta' għajnuna mhux kompatibbli, u ma għandha l-ebda rilevanza għall-implimentazzjoni/eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ li tagħti d-danni għall-ksur ta' BIT.

(64) It-tielet, rigward l-imputabbiltà tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni lir-Rumanija, ir-rikorrenti jargumentaw li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni ma tistax tistrieħ fuq l-imputabbiltà tal-EGO 24 innifisha. Barra minn hekk huma jsostnu li l-implimentazzjoni/eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-ICSID hija konsegwenza awtomatika u involontarja tal-obbligi tar-Rumanija skont il-Konvenzjoni dwar l-ICSID. Skont ir-rikorrenti, kwalunkwe att involontarju mhuwiex imputabbli lill-Istat u ma jistax jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Huma jenfasizzaw ukoll li d-deċiżjonijiet tal-ICSID mhumiex miftuħa għal valutazzjoni mill-qrati nazzjonali u l-infurzar tagħhom ma jistax jiġi imblukkat għal raġunijiet ta' ordni pubbliku domestiku jew inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni.

(65) Ir-rikorrenti jargumentaw ukoll li l-obbligi tar-Rumanija skont il-Konvenzjoni dwar l-ICSID ma kinux affettwati mis-sħubija sussegwenti tar-Rumanija fl-Unjoni. Huma jispjegaw li billi l-allegat ksur tal-BIT u l-bidu tal-proċedimenti seħħew qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, id-dritt tal-UE mhuwiex applikabbli għall-Kawża preżenti.

(66) Ir-raba', fir-rigward tas-selettività, ir-rikorrenti jsostnu li l-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni mhijiex selettiva, billi l-BITs u l-Konvenzjoni dwar l-ICSID jistabbilixxu sistema ta' responsabbiltà ġenerali li tapplika bl-istess mod għal kull investitur. Għalhekk, id-danni mogħtija taħt din is-sistema, mhumiex selettivi. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jikkwotaw ukoll dikjarazzjoni allegatament magħmula mill-Kummissjoni li l-"BITs, għalkemm jagħtu benefiċċju billi jassiguraw drittijiet ta' proprjetà barra l-pajjiż, teknikament ma jistgħux jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat projbita mill-Artikolu 107(1) [tat-Trattat] billi l-benefiċċju ma jiffavorix ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti iżda jingħata b'mod ġenerali lill-investituri kollha, irrispettivament mis-settur li joperaw fih."

(67) Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma jaqblux li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tista' tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Huma jsostnu li r-raġunament kontenut fid-deċiżjoni ta' ftuħ ma jistax japplika għall-aħwa Micula, li allegatament ma huma involuti fl-ebda attività ekonomika, bil-konsegwenza li kwalunkwe pagament lilhom ma jistax ifixkel il-kompetizzjoni jew jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. B'mod aktar ġenerali, ir-rikorrenti jargumentaw li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ma tagħtix vantaġġ lir-rikorrenti, u għalhekk jista' jiġi eskluż kwalunkwe effett fuq il-kompetizzjoni jew il-kummerċ.

([46]) Il-Kawża 61/79 *Amministrazione delle finanze dello Stato vs Denkavit italiana* EU:C:1980:100.

([47]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2007 fil-Kawża C 36/A/06 dwar l-għajnuna tal-Istat implimentata mill-Italja favur ThyssenKrupp, Cementir u Nuove Terni Industrie Chimiche (ĠU L 144, 4.6.2008, p. 37).

Rigward il-karatterizzazzjoni tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni bħala għajnuna ġdida

(68) Ir-rikorrenti ma jaqblux ukoll mal-karatterizzazzjoni tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni bħala għajnuna ġdida. Huma jinnotaw li l-uniċi avvenimenti li seħħew wara l-adeżjoni tar-Rumanija kienu l-adozzjoni tad-Deċiżjoni nnifisha u l-eżekuzzjoni tagħha. B'mod partikolari, l-eżekuzzjoni, min-naħa tar-Rumanija, tingħad li hija biss konsegwenza awtomatika tad-Deċiżjoni, pjuttost milli r-riżultat ta' deċiżjoni separata. Skont ir-rikorrenti, il-mumenti rilevanti kienu l-promulazzjoni tal-EGO 24, il-ħruġ tal-PICs lir-rikorrenti, jew mhux aktar tard mill-konklużjoni tal-BIT. Ir-rikorrenti jibbażaw ukoll fuq il-ġurisprudenza u l-prassi tal-Kummissjoni dwar il-garanziji tal-Gvern (li skonthom, il-mument rilevanti huwa meta tingħata l-garanzija, mhux meta tiġi invokata jew jinħarġu l-pagamenti) sabiex jargumentaw li fejn il-kumpens jitħallas abbażi ta' impenn inkluż fi ftehim internazzjonali, id-data tal-konklużjoni ta' dak il-ftehim għandha titqies bħala determinanti.

Rigward il-kompatibbiltà tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni

(69) Ir-rikorrenti l-ewwel nett isostnu li meta l-Kummissjoni tkun qiegħda tinvestiga għajnuna mhux innotifikata, u l-Istat Membru kkonċernat ma jressaq l-ebda argument dwar kompatibbiltà, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tikkunsidra jekk l-għajnuna tistax tkun kompatibbli skont xi regola jew linja gwida applikabbli, jekk ikun meħtieġ billi titlob aktar informazzjoni mingħand l-Istat Membru jew il-benefiċjarju.

(70) Rigward l-analiżi preliminari tal-kompatibbiltà kontenuta fid-deċiżjoni ta' ftuħ, ir-rikorrenti jsostnu li din hija kunċettwalment difettuża billi tapplika l-Linji gwida kurrenti dwar l-Għajnuna Reġjonali ('RAG') għall-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, minkejja li huwa evidenti għall-aħħar li l-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ma hija motivata mill-ebda objettiv ta' żvilupp reġjonali. Fl-opinjoni tar-rikorrenti, u waqt li jerġgħu jenfasizzaw li d-deċiżjoni ta' ftuħ tassumi b'mod żbaljat li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni terġa' tistabbilixxi b'mod retroattiv l-EGO 24, l-unika għajnuna li setgħet ingħatat kienu l-benefiċċji skont l-iskema tal-EGO 24. L-EGO 24 għalhekk kellha tiġi valutata skont ir-RAG tal-1998, li bihom suppost kellhom jinstabu kompatibbli.

(71) Ir-rikorrenti mbagħad isostnu li qatt ma kien hemm deċiżjoni formali valida li tistabbilixxi li l-EGO 24 tikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli mill-Istat. Id-deċiżjoni tal-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni (id-Deċiżjoni Nru 244) li tiddenunzja l-EGO 24, kienet, skont ir-rikorrenti, difettuża, billi ma vvalutatx il-kompatibbiltà u naqset milli tipprovdi raġunament għas-sejbiet tagħha. Barra minn hekk, ir-rikorrenti argumentaw li l-adozzjoni tal-EGO 75, li rriaffermat l-EGO 24, mill-gvern Rumen, ikkanċellat id-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni. Huma jargumentaw ukoll li r-rifjut tal-kontestazzjonijiet tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni kontra l-EGO 75 quddiem il-qrati Rumeni hija prova ulterjuri li l-EGO 24 u l-EGO 75 ħadu preċedenza fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni.

(72) Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Kummissjoni ma kellha u ma għandha l-ebda kompetenza sabiex tivvaluta l-EGO 24, anki b'mod inċidentali. Il-partijiet rilevanti tal-EGO 24 kienu revokati qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni. Sa fejn id-Deċiżjoni titqies li terġa' tistabbilixxi għajnuna mogħtija skont l-EGO 24, ir-rikorrenti għalhekk isostnu li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda kompetenza ta' valutazzjoni. F'dan il-kuntest, huma jirreferu wkoll għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża dwar l-għajnuna mill-Istat N 380/2004, fejn il-Kummissjoni sabet li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ wara l-adeżjoni, li kienet ingħatat qabel l-adeżjoni u kienet tirrigwarda esklussivament perjodi ta' qabel l-adeżjoni, ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna ġdida.

(73) Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jargumentaw li l-EGO 24 u inċentivi individwali taħt l-EGO 24 kienu kompatibbli massuq intern skont ir-RAG applikabbli tal-1998, minħabba li kienu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-kompatibbiltà. F'dan il-kuntest, huma jsostnu, l-ewwel nett, li l-EGO 24 tista' fil-fatt titqies bħala għajnuna kompatibbli għall-investiment, pjuttost milli għajnuna operatorja, u, it-tieni, anki jekk titqies bħala għajnuna operatorja, l-EGO 24 xorta kienet kompatibbli.

Rigward l-aspettattivi leġittimi

(74) Ir-rikorrenti jsostnu li deċiżjoni tal-Kummissjoni li ssib li l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tmur kontra r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, tikser l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti. Huma jargumentaw li l-Unjoni inkoraġġiet espressament lir-Rumanija biex tikkonkludi BITs mal-Istati Membri qabel l-adeżjoni tar-Rumanija; li l-Kummissjoni għadha tappoġġja l-konklużjoni ta' BITs; li r-rikorrenti striehu fuq l-aspettattiva tagħhom li l-proċedimenti ta' arbitraġġ se jippermettulhom li jirċievu kumpens għad-dannu kkawżat mid-deċiżjoni tar-Rumanija li żżomm l-obbligi kollha tal-investituri skont l-EGO 24; u li ma hemm l-ebda interess pubbliku prevalenti sabiex jitwarrbu l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

Rigward id-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti

(75) Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li, skont il-ġurisprudenza, il-partijiet interessati "għandhom biss dritt li jiġu involuti fil-proċedura amministrattiva sa fejn ikun xieraq fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni" ([48]). Bl-argument li r-Rumanija naqset milli tinvolvi b'mod xieraq lir-rikorrenti fil-proċedura dwar l-għajnuna mill-Istat, li allegatament poġġa lir-rikorrenti fi żvantaġġ partikolari, ir-rikorrenti jwissu li n-nuqqas, min-naħa tal-Kummissjoni, li tippermetti lir-rikorrenti li jiddefendu b'mod xieraq l-interessi tagħhom billi tinvolvihom b'mod aktar sħiħ fil-proċedura, jista' jdgħajjef id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. Ir-rikorrenti jikkonkludu billi jinnotaw li l-prattika tal-Kummissjoni f'kawżi dwar għajnuna mill-Istat, b'mod ġenerali ma tħarisx b'mod suffiċjenti d-drittijiet proċedurali tal-allegati benefiċjarji u, billi tonqos milli tipprovdi rimedju effettiv, tmur kontra l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

6. **KUMMENTI MIR-RUMANIJA DWAR IL-KUMMENTI TA' PARTIJIET TERZI**

(76) Fit-tweġiba tagħha għall-kummenti ppreżentati mir-rikorrenti, ir-Rumanija l-ewwel nett tirrifjuta l-argument li Ioan u Viorel Micula ma setgħux huma nfushom jitqiesu li jikkostitwixxu impriżi għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Ir-Rumanija targumenta li l-ħames rikorrenti għandhom pjuttost jitqiesu bħala unità ekonomika waħda, billi l-aħwa Micula jeżerċitaw kontroll dirett jew indirett fuq ir-rikorrenti korporattivi. Sabiex tappoġġja din l-affermazzjoni, ir-Rumanija fost l-oħrajn tispjega li matul in-negozjati bejn ir-Rumanija u r-rikorrenti, li seħħew wara li nħarġet id-Deċiżjoni, l-aħwa Micula ħadu deċiżjoni formali f'isem it-tliet rikorrenti korporattivi.

(77) It-tieni, ir-Rumanija tirribatti t-tentattiv tar-rikorrenti li jiċħdu r-rabta bejn ir-revoka tal-inċentivi tal-EGO 24 u l-għoti tad-danni bid-Deċiżjoni. Hija ssostni li mid-Deċiżjoni jidher ċar li l-valur tad-danni kien stabbilit mit-Tribunal fuq il-bażi tal-vantaġġi ekonomiċi li r-rikorrenti kienu jiksbu kieku nżammew l-inċentivi.

(78) It-tielet, rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ma kinux u mhumiex qegħdin jiġu involuti b'mod xieraq fl-investigazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-Rumanija tiċħad li ma bagħtitx mill-ewwel id-deċiżjoni ta' ftuħ lir-rikorrenti. Hija ssostni wkoll li r-Rumanija ma għandha l-ebda obbligu legali li tinvolvi lir-rikorrenti b'mod aktar sħiħ milli huwa u kien il-każ.

7. **VALUTAZZJONI**

7.1. **Eżistenza tal-għajnuna**

(79) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jistipula li "għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotti għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern". Għalhekk, miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat jekk jiġu ssodisfati l-ebda kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

— Il-miżura trid tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lil xi impriża.

— Il-miżura trid tkun imputabbli lill-Istat u ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

— Il-miżura trid twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni.

— Il-miżura jrid ikollha l-potenzjal li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(80) Il-Kummissjoni tisħaq li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv u legali definit direttament mit-Trattat. L-istabbiliment ta' jekk miżura partikolari tikkostitwix għajnuna mill-Istat ma tiddependix fuq l-intenzjonijiet jew il-ġustifikazzjonijiet tal-Istati Membri meta jagħtuha, iżda fuq l-effetti tal-miżura inkwistjoni ([49]).

Impriża

(81) Il-QtĠ-UE ddefiniet b'mod konsistenti l-impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħhom u l-mod kif jiġu ffinanzjati ([50]). Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari għalhekk tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha.

([48]) B'referenza għall-Kawża T-68/03 *Olympiaki Aeroporia Ypiresies,* EU:T:2007:253, para. 42.
([49]) Il-Kawża C-487/06 P *British Aggregates vs il-Kummissjoni* EU:C:2008:757, paragrafi 85 u 89 u l-ġurisprudenza kkwotata, u l-Kawża C-279/08 P *Kummissjoni vs il-Pajjiżi l-Baxxi (NOx)* EU:C:2011:551, paragrafu 51.
([50]) Il-Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 *Pavlov u Oħrajn* EU:C:2000:428, paragrafu 74.

(82) Entitajiet ġuridiċi separati jistgħu jitqiesu li jiffurmaw unità ekonomika waħda għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-unità ekonomika mbagħad titqies li hija l-impriża rilevanti. Kif diġà sostniet il-QtĠ-UE, "fid-dritt tal-kompetizzjoni, it-terminu 'impriża' jrid jinftiehem bħala li jindika unità ekonomika […] anki jekk fil-liġi dik l-unità ekonomika tikkonsisti minn diversi persuni, fiżiċi jew ġuridiċi ([51])." Sabiex tistabbilixxi jekk diversi entitajiet jiffurmawx unità ekonomika, il-QtĠ-UE thares lejn l-eżistenza ta' sehem kontrollanti jew rabtiet funzjonali, ekonomiċi jew organiċi ([52]).

(83) Ir-rikorrenti fil-proċedimenti ta' arbitraġġ li wasslu għad-Deċiżjoni huma l-aħwa Ioan Micula u Viorel Micula u tliet kumpaniji tagħhom (S.C. European Food S.A., S.C. Starmill S.R.L., u S.C. Multipack). Huwa evidenti li t-tliet kumpaniji huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi, billi jispeċjalizzaw fil-manifattura industrijali ta' prodotti tal-ikel, prodotti tat-tħin, u imballaġġ tal-plastik, rispettivament. It-tliet kumpaniji għalhekk jikkostitwixxu impriżi. Din il-karatterizzazzjoni mhijiex ikkontestata mir-rikorrenti.

(84) Ir-rikorrenti madankollu jsostnu li l-aħwa Micula nfushom ma jistgħux, bħala persuni fiżiċi, jitqiesu li jikkostitwixxu impriżi għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, u li għalhekk il-fondi mħallsa lilhom fl-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, l-interessi tal-aħwa Micula jingħad li ma jikkoinċidux ma' dawk tat-tliet rikorrenti korporattivi.

(85) Il-Kummissjoni madankollu ssib li t-tliet kumpaniji u l-aħwa Micula, flimkien jikkostitwuxxu unità ekonomika unika għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Din l-unità ekonomika għalhekk hija kkunsidrata bħala l-impriża rilevanti.

(86) Din is-sejba hija bbażata l-ewwel nett fuq il-fatt li l-aħwa Micula għandhom, direttament jew indirettament, is-sjieda prattikament esklussiva tat-tliet rikorrenti korporattivi, li juri interess kontrollanti fuq dawk il-kumpaniji.

(87) It-tieni, din is-sejba tqis li r-rikorrenti korporattivi jiffurmaw parti minn grupp akbar ta' kumpaniji, il-European Food and Drinks Group ("EFDG"). Matul il-proċedimenti tal-arbitraġġ, l-aħwa Micula talbu wkoll kumpens għal kumpaniji oħra li jiffurmaw parti mill-EFDG li allegatament sofrew telf b'riżultat tal-azzjonijiet tar-Rumanija li wasslu għall-proċedimenti. Fil-fatt, flok talbu u kkwantifikaw telf separat għal kull rikorrent korporattiv u ż-żewġ rikorrenti individwali, ir-rikorrenti bbażaw l-applikazzjoni tagħhom għall-kumpens fuq it-telf allegatament sofrut mill-EFDG kollu. Wara li eżamina l-istruttura tas-sjieda tal-EFDG u stabbilixxa li l-aħwa Micula, direttament jew indirettament, kienu jippossiedu mill-anqas 99,96 % tal-kumpaniji kollha fl-EFDG li għalihom l-aħwa Micula talbu d-danni (dawn huma European Drinks S.A., Rieni Drinks S.A., Scandic Distilleries S.A., Transilvania General Import-Export S.R.L., West Leasing S.R.L), it-Tribunal aċċetta dan l-approċċ u ppermetta lir-rikorrenti li jfittxu l-kumpens għat-telf tal-EFDG kollu ([53]). Din l-imġiba tar-rikorrenti matul il-proċedimenti tal-arbitraġġ u d-deċiżjonijiet korrispondenti tat-Tribunal juru li l-aħwa Micula u t-tliet rikorrenti korporattivi, kif ukoll il-kumpaniji hawn fuq imsemmija li jiffurmaw parti mill-EFDG, jiffurmaw unità ekonomika unika b'interess ekonomiku uniku.

(88) It-tielet, il-karatterizzazzjoni tal-aħwa Micula u l-kumpaniji tagħhom bħala unità ekonomika waħda hija rinforzata ulterjorment mill-mod kif id-Deċiżjoni eventwalment tathom il-kumpens. Pjuttost milli qassmet il-kumpens individwalment lil kull wieħed mill-ħames rikorrenti, id-Deċiżjoni tathom il-kumpens "b'mod kollettiv" abbażi ta' "intitolament komuni". Il-fatt li l-ħames rikorrenti flimkien (jiġifieri, inklużi r-rikorrenti korporattivi) talbu lit-Tribunal jagħti l-kumpens kollu biss lill-aħwa Micula juri li r-rikorrenti korporattivi ma għandhom l-ebda awtonomija fir-rigward tal-aħwa Micula. It-Tribunal finalment ippermetta lil kull rikorrent jirkupra l-ammont sħiħ tal-kumpens mogħti, u mbagħad li jqassam il-kumpens bejn ir-rikorrenti kif iħoss xieraq, irrispettivament mid-danni attwalment imġarrba minn kull rikorrent.

(89) Il-konklużjoni ta' hawn fuq mhijiex affettwata mill-argument tar-rikorrenti li l-Kawża preżenti trid tiġi distinta mis-sentenza f'*Hydrotherm*, billi l-persuna fiżika f'dik il-Kawża kienet sieħeb personalment responsabbli għall-obbligi finanzjarji tad-diversi kumpaniji li magħhom kienet ikkunsidrata li tikkostitwixxi unità ekonomika unika, filwaqt li l-aħwa Micula mhumiex personalment responsabbli b'dan il-mod. Bi tweġiba, il-Kummissjoni tfakkar li fil-paragrafi

([51]) Il-Kawża C-170/83 *Hydrotherm* EU:C:1984:271, paragrafu 11. Ara wkoll il-Kawża T-137/02 *Pollmeier Malchow vs il-Kummissjoni* EU:T:2004:304, paragrafu 50.

([52]) Il-Kawża C-480/09 P *Acea Electrabel Produzione SpA vs il-Kummissjoni* EU:C:2010:787 paragrafi 47 sa 55; il-Kawża C-222/04 *Cassa di Risparmio di Firenze SpA u Oħrajn* EU:C:2006:8, paragrafu 112.

([53]) Ara d-Deċiżjoni, paragrafi 935-936 u 943.

rilevanti tas-sentenza tagħha fil-Kawża dwar *Hydrotherm*, il-QtĠ-UE ma semmietx ir-responsabbiltà personali tal-persuna fiżika inkwistjoni; pjuttost, il-QtĠ-UE llimitat ruħha li tirrimarka li l-persuna fiżika inkwistjoni "għandha kontroll sħiħ" tal-kumpaniji inkwistjoni ([54]). Kif diġà ssemma, bis-saħħa tas-sjieda tagħhom, l-aħwa Micula wkoll għandhom kontroll sħiħ fuq ir-rikorrenti korporattivi, u fil-fatt il-kumpaniji rilevanti l-oħra tal-EFDG.

(90) Kuntrarju għall-affermazzjonijiet tar-rikorrenti, il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-loġika li fuqha hija bbażata s-sentenza *Cassa di Risparmio di Firenze* tapplika bl-istess mod f'din il-kawża. F'dik is-sentenza, il-QtĠ-UE rrikonoxxiet li attività ekonomika tista' tiġi eżerċitata minn entità direttament jew indirettament, permezz tal-kontroll ta' operatur bħala parti minn unità ekonomika li huma jiffurmaw flimkien. Għalkemm il-QtĠ-UE tirrikonoxxi li s-sempliċi fatt ta' pussess ta' ishma, anki parteċipazzjonijiet azzjonarji kontrollanti, mhuwiex suffiċjenti sabiex attività tal-entità li jkollha dawk l-ishma tiġi kkaratterizzata bħala ekonomika meta din twassal biss għall-eżerċizzju tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' azzjonist jew membru, kif ukoll ir-riċeviment ta' dividendi, li jkunu sempliċement il-frott tas-sjieda ta' assi, huwa ċar li s-sitwazzjoni preżenti hija differenti. Fil-fatt, skont il-QtĠ-UE, "korp li jżomm ishma ta' kontroll f'kumpannija, jeżerċita effettivament dan il-kontroll waqt li jipparteċipa direttament jew indirettament fl-amministrazzjoni tagħhom għandu jiġi kkunsidrat bħala li jagħmel parti mill-attività ekonomika eżerċitata mill-impriża kkontrollata ([55])." Il-QtĠ-UE kienet ikkonċernata wkoll tirrimarka li s-"sempliċi separazzjoni ta' impriża f'żewġ entitajiet differenti" ma tistax tkun suffiċjenti biex jiġu evitati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([56]). Dan ir-raġunament japplika wkoll meta waħda miż-żewġ entitajiet ikkonċernati tkun persuna fiżika. Inkella l-għoti ta' għajnuna lil persuna fiżika li tkun l-azzjonist kontrollanti ta' impriża ma jitqiesx li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, minkejja li l-persuna fiżika tista' tuża dik l-għajnuna għall-benefiċċju tal-impriżi li tikkontrolla. Fil-fatt, fil-Kawża preżenti, ma tista' tagħmel l-ebda differenza għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, jekk il-kumpens mogħti kollettivament lill-ħames rikorrenti kollha mit-Tribunal jitħallasx lill-aħwa Micula jew lill-kumpaniji tagħhom.

(91) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ssib li l-aħwa Micula u t-tliet rikorrenti korporattivi flimkien jiffurmaw unità ekonomika unika li tikkostitwixxi impriża għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-kumpaniji l-oħra tal-EFDG li għall-allegat telf tagħhom l-aħwa Micula ngħataw kumpens bis-saħħa tad-Deċiżjoni (European Drinks S.A., Rieni Drinks S.A., Scandic Distilleries S.A., Transilvania General Import-Export S.R.L., West Leasing S.R.L) ([57]) ukoll jiffurmaw parti minn din l-unità ekonomika unika. Il-benefiċjarja finali tal-miżura ta' għajnuna hija din l-unità ekonomika unika, iffurmata mill-ħames rikorrenti u dawk il-kumpaniji tal-EFDG.

Vantaġġ Ekonomiku (1)

(92) Vantaġġ, kif meħtieġ mill-Artikolu 107(1) tat-Trattat, huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat ([58]). Il-forma preċiża tal-miżura mhijiex rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk din tagħtix vantaġġ ekonomiku lill-impriża. Il-kunċett ta' vantaġġ jinkludi, pereżempju, is-sitwazzjonijiet kollha fejn l-impriżi jinħelsu mill-ispejjeż inerenti tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom.

(93) Permezz tad-Deċiżjoni, it-Tribunal ta lir-rikorrenti kumpens ta' RON 376 433 229 flimkien mal-imgħax, kontra r-Rumanija. Sabiex wieħed jifhem b'mod sħiħ għaliex l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tagħti vantaġġ ekonomiku lir-rikorrenti, qabelxejn huwa utli li wieħed jeżamina fuq liema bażi t-Tribunal iddeċieda li għandu jingħata kumpens lir-rikorrenti f'dik id-Deċiżjoni.

(94) Wara li kien iddeċieda li r-Rumanija kienet kisret il-BIT, it-Tribunal spjega li d-danni kellhom jingħataw fuq il-bażi tal-prinċipju li "ir-rikorrent irid jitpoġġa lura fil-pożizzjoni li 'b'kull probabbiltà' kien ikun fiha li ma kienx għaddannu internazzjonali ([59])." Huwa spjega wkoll li seta' jiġi kkumpensat permezz tad-danni dak it-telf biss li huwa każwalment marbut mal-att li jikkostitwixxi d-dannu internazzjonali, u li "il-ksur kollu tal-BIT allegat mir-Rikorrenti jirriżulta mill-istess fatt: ir-revoka qabel iż-żmien tal-inċentivi tal-[EGO 24] jew b'rabta diretta ma' dik ir-revoka qabel iż-żmien ([60])." Fil-valutazzjoni tal-kumpens preċiż dovut lir-rikorrenti, it-Tribunal ikkunsidra jekk fil-fatt iġġarrabx telf u jekk kienx relatat direttament mar-revoka tal-iskema ta' inċentivi. Pereżempju, fir-rigward

([54]) Il-Kawża C-170/83 *Hydrotherm* EU:C:1984:271, paragrafu 10.
([55]) Il-Kawża C-222/04 *Cassa di Risparmio di Firenze SpA u Oħrajn* EU:C:2006:8, paragrafu 112.
([56]) Il-Kawża C-222/04 *Cassa di Risparmio di Firenze SpA u Oħrajn* EU:C:2006:8, paragrafu 114.
([57]) Ara l-premessi (87) u (88).
([58]) Il-Kawża C-39/94 *SFEI u Oħrajn* EU:C:1996:285, paragrafu 60; il-Kawża C-342/96 *Spanja vs il-Kummissjoni* EU:C:1999:210, paragrafu 41.
([59]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 917.
([60]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 928.

tad-danni mogħtija għaż-żieda fil-prezz taz-zokkor, it-Tribunal sostna ([61]): "Kemm l-eżistenza tad-dannu kif ukoll ir-rabta kawżali bejn ir-revoka tal-inċentivi u d-dannu sofrut kienu ppruvati b'mod adegwat. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni li, b'riżultat tar-revoka tal-Inċentiv għall-Materja Prima, ir-Rikorrenti kienu meħtieġa jħallsu ammont aktar għaz-zokkor li xtraw wara Frar 2005".

(95) Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa ċar li permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, ir-Rumanija tagħti lir-rikorrenti ammont li jikkorrispondi eżattament għall-vantaġġi previsti taħt l-iskema abolita tal-EGO 24 mill-mument li ġiet revokata (22 ta' Frar 2005) sal-iskadenza skedata tagħha (1 ta' April 2009). B'mod aktar preċiż, l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni *de facto* tirrimborża d-dazji doganali ċċarġjati fuq iz-zokkor u materja prima oħra impurtati bejn it-22 ta' Frar 2005 u l-31 ta' Marzu 2009, kif ukoll id-dazji doganali ċċarġjati fuq iz-zokkor impurtat li r-rikorrenti kienu jevitaw kieku kellhom l-opportunità li jaħżnu għal quddiem iz-zokkor qabel l-iskadenza skedata tal-faċilitajiet tal-EGO 24 fil-31 ta' Marzu 2009. Barra minn hekk, sabiex jassigura li r-rikorrenti jibbenefikaw b'mod sħiħ minn ammont korrispondenti għal dak tal-iskema abolita u "jitpoġġa lura fil-pożizzjoni li b" kull probabbiltà' kien ikun fiha", it-Tribunal ta wkoll imgħax u kumpens għall-allegati opportunità mitlufa u l-profitt mitluf ([62]). Fil-fatt, l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni terġa' tistabbilixxi s-sitwazzjoni li r-rikorrenti, b'kull probabbiltà, kienu jkunu fiha kieku qatt ma ġiet revokata l-iskema tal-EGO 24.

(96) Għalhekk, l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tagħti lir-rikorrenti vantaġġ ekonomiku li mhuwiex disponibbli b'mod ieħor fis-suq. L-ewwel, l-ispejjeż tal-materja prima, bħala inputs għall-prodotti finali, jikkostitwixxu spejjeż operatorji ordinarji tal-impriżi, u l-ħelsien minn parti mill-ispejjeż operatorji ordinarji tagħhom jagħtihom vantaġġ ċar. It-tieni, l-għoti ta' kumpens lir-rikorrenti għall-profitti mitlufa minħabba li kellhom jerfgħu l-ispejjeż operatorji proprji tagħhom huma stess, ukoll jikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku li mhuwiex disponibbli f'kundizzjonijiet normali tas-suq u fin-nuqqas tad-Deċiżjoni; f'kundizzjonijiet normali tas-suq, l-impriża kien ikollha terfa' hija stess l-ispejjeż inerenti fl-attività ekonomika tagħha u għalhekk ma kinitx tiġġenera dawn il-profitti. It-tielet, il-pagament tal-imgħax lir-rikorrenti fuq ħlasijiet li allegatament kienu dovuti fl-imgħoddi, iżda li huma nfushom iridu jkunu kwalifikati bħala li jagħtu vantaġġ, jagħti vantaġġ separat u addizzjonali. Għal darba oħra, f'kundizzjonijiet normali tas-suq u fin-nuqqas tad-Deċiżjoni, l-impriża kien ikollha terfa' l-ispejjeż operatorji ordinarji tagħha, ma kinitx tiġġenera l-allegati profitti mitlufa, u għalhekk ma kinitx tkun kapaċi tiġbed imgħax fuq dan il-kapital. Fil-fatt, bir-revoka tal-iskema tal-EGO 24, ir-Rumanija reġgħet stabbiliet il-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni fis-suq li joperaw fih ir-rikorrenti, u kwalunkwe tentattiv sabiex ir-rikorrenti jiġu kkumpensati għall-konsegwenzi tar-revoka tal-inċentivi tal-EGO 24, jagħti vantaġġ li mhuwiex disponibbli f'dawk il-kundizzjonijiet normali tas-suq.

(97) It-tentattivi tar-rikorrenti sabiex jisseparaw l-għoti tal-kumpens mir-revoka tal-inċentivi tal-EGO 24 mhumiex konvinċenti. Ir-rikorrenti jargumentaw: "[F]il-każ preżenti, it-Tribunal tal-ICSID ikkonkluda li d-deċiżjoni ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat kienet tikkonforma mal-obbligi tar-Rumanija skont il-BIT u ma tax danni lir-Rikorrenti fuq din il-bażi. Minflok, it-Tribunal tal-ICSID ta danni għall-imġiba ħażina tal-Istat Rumen li kienet tikkonsisti fiż-żamma tal-obbligi imposti fir-rigward tal-EGO 24 wara l-irtirar tal-iskema u l-imġiba mhux trasparenti lejn l-investituri".

(98) Din id-deskrizzjoni tad-Deċiżjoni mhijiex preċiża u fi kwalunkwe każ tonqos milli tikkunsidra l-effetti tal-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni. Diġà ġie rrimarkat li t-Tribunal qies li l-allegat ksur tal-BIT kollu rriżulta minn "ir-revoka qabel iż-żmien tal-inċentivi jew b'rabta diretta ma' dik ir-revoka qabel iż-żmien", ([63]) u ta d-danni għat-telf li rriżulta direttament mir-revoka tal-iskema ta' inċentivi. It-Tribunal diġà ġie kkwotat ukoll li qal li ([64]): "[B]ir-revoka tal-inċentivi skont l-EGO 24 qabel l-1 ta' April 2009, ir-Rumanija ma aġixxietx b'mod mhux raġonevoli jew b'mala fede (ħlief li r-[Rumanija] aġixxiet b'mod mhux raġonevoli billi żammet l-obbligi tal-investituri wara li tterminat l-inċentivi). It-Tribunal, madankollu, jikkonkludi b'maġġoranza li r-Rumanija kisret l-aspettattivi leġittimi tar-Rikorrenti li dawk l-inċentivi kienu se jkunu disponibbli, sostanzjalment fl-istess forma, sal-1 ta' April 2009. Ir-Rumanija naqset ukoll li taġixxi b'mod trasparenti billi naqset milli tinforma fil-ħin lir-Rikorrenti li r-reġim kien se jiġi tterminat qabel id-data ta' skadenza skedata tiegħu. Minħabba f'hekk, it-Tribunal isib li r-Rumanija naqset milli 'tassigura trattament ġust u ekwu tal-investimenti' tar-Rikorrenti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tal-BIT."

([61]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 953.
([62]) Ara l-premessa 27 għad-deskrizzjoni tal-ammonti dovuti skont id-deċiżjoni tal-arbitraġġ.
([63]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 928.
([64]) Id-Deċiżjoni, paragrafu 872.

(99) Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, ma jistax jiġi sostnut, kif jagħmlu r-rikorrenti, li t-Tribunal sab li d-deċiżjoni tar-Rumanija li tikkonforma mar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat billi tirrevoka l-EGO 24 ma kinitx tikser il-BIT, jew li ma tatx danni fuq dik il-bażi. ([65]) Il-Kummissjoni tinnota li bil-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu li jagħti kumpens għaż-żieda fil-prezzijiet u t-telf tal-abilità ta' ħażna għal quddiem, kif ukoll għall-profitti mitlufa, it-Tribunal irrefera biss għad-danni mġarrba mir-rikorrenti b'riżultat tar-revoka tal-inċentivi tal-EGO 24 ([66]). B'mod partikolari, it-Tribunal ma rreferiex għal, jew ta danni addizzjonali fuq il-bażi tas-sejba tiegħu li r-Rumanija aġixxiet b'mod raġonevoli meta żammet l-obbligi tal-investituri skont l-EGO 24 u naqset milli taġixxi b'mod trasparenti.

Vantaġġ Ekonomiku (2): Id-Danni u l-Għajnuna mill-Istat

(100) Kuntrarju għas-sottomissjoni tar-rikorrenti, il-preżenza ta' vantaġġ mhijiex prekluża wkoll mill-fatt li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni jinvolvi ħlas ta' kumpens għad-danni. Il-mistoqsija ċentrali f'dan ir-rigward hija jekk il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-QtĠ-UE dwar *Asteris* ([67]) humiex applikabbli għal dan il-każ. Fis-sentenza tagħha f'*Asteris*, il-QtĠ-UE spjegat li l-għajnuna mill-Istat "hija fundamentalment differenti fin-natura legali tagħha mid-danni li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jkunu ordnati jħallsu lil individwi b'kumpens għad-dannu li jkunu kkawżaw lil dawk l-individwi ([68])." Ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kawża preżenti taqa' eżattament taħt din il-ġurisprudenza, u li kwalunkwe tentattiv mill-Kummissjoni biex tiddistingwi l-Kawża dwar *Asteris* minn din mhuwiex konvinċenti. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni.

(101) Il-Kummissjoni tosserva, l-ewwel nett, li l-Kawża dwar *Asteris* ħarġet minn kuntest ferm differenti mill-Kawża preżenti. Fl-ewwel kawża, il-QtĠ-UE tat sentenza bi tweġiba għal referenza għal deċiżjoni preliminari minn qorti Griega li biha l-QtĠ-UE kienet mitluba tippronunzja ruħha dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri sabiex jikkunsidraw talbiet għad-danni ppreżentati minn individwi kontra l-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tan-nuqqas ta' pagament tal-għajnuna skont il-politika agrikola komuni tal-Unjoni. In-nuqqas ta' pagament tal-għajnuna ma kienx ir-riżultat ta' weġħda miksura mill-awtoritajiet Griegi li jagħtu dik l-għajnuna, iżda pjuttost il-konsegwenza tal-inklużjoni ta' żbalji tekniċi mill-Kummissjoni f'regolament. L-impriżi affettwati diġà kienu ppreżentaw azzjoni għad-danni kontra l-Kummissjoni quddiem il-QtĠ-UE, li kienet irrifjutata bħala bla bażi. Bi tweġiba għar-referenza għal deċiżjoni preliminari, il-QtĠ-UE fis-sentenza tagħha speċifikat li billi qabel kienet irrifjutat l-azzjoni għad-danni kontra l-Kummissjoni, kwalunkwe azzjoni għad-danni kontra l-Istat Grieg trid tkun għal raġunijiet differenti mill-azzjoni kontra l-Kummissjoni li hija rrifjutat, jiġifieri azzjoni żbaljata tal-awtoritajiet Griegi nfushom. B'mod partikolari, il-QtĠ-UE ma qalitx li l-għoti ta' danni daqs ammont ta' għajnuna illegali mill-Istat, imwieġħda iżda mhux imħallsa, ma jammontax għal għajnuna mill-Istat huwa stess. Għalhekk, mis-sentenza dwar *Asteris* ma jirriżultax li kull għoti tad-danni awtomatikament ikun barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, kif donnhom qegħdin jargumentaw ir-rikorrenti. Pjuttost, f'każijiet ta' responsabbiltà bbażati fuq l-imġiba żbaljata tal-awtoritajiet nazzjonali, ma jingħata l-ebda vantaġġ lil impriża meta dik ir-responsabbiltà tassigura biss li l-parti li sofriet id-dannu tingħata dak li għandha dritt għalih, l-istess bħal kwalunkwe impriża oħra, skont ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà ċivili f'dak l-Istat Membru. Il-kumpens mogħti skont dawk ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà ċivili huwa differenti mill-għajnuna mill-Istat billi ma jistax iwassal biex l-individwu li sofra d-dannu jkun aktar sinjur wara li jirċievi l-kumpens.

(102) It-tieni, biex il-kumpens ma jaqax taħt ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat skont il-ġurisprudenza *Asteris*, huwa jrid ikun ibbażat fuq regola ġenerali tal-kumpens. ([69]) Fil-każ preżenti, il-kumpens ingħata lir-rikorrenti abbażi ta' BIT intra-UE li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala invalidu mill-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni. Il-Kummissjoni b'mod konsistenti ħadet il-pożizzjoni li l-BITs intra-UE, bħall-BIT li fuqu r-rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom ([70]), huma kuntrarji

([65]) It-Tribunal ikkonkluda li r-revoka tal-inċentivi tal-EGO 24 kienet tikser l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti qabel ma saħansitra kkunsidra r-raġonevolezza jew it-trasparenza tal-azzjonijiet tar-Rumanija (id-Deċiżjoni, paragrafi 725, 726; ir-raġonevolezza u t-trasparenza kienu kkunsidrati biss fil-paragrafi 727 *et seq*. u 837 *et seq*., rispettivament). Għalhekk ma hemm l-ebda bażi sabiex jiġi sostnut, kif jissuġġerixxu r-rikorrenti, li s-sejba ta' ksur tal-BIT min-naħa tat-Tribunal kienet kundizzjonata fuq in-nuqqas ta' raġonevolezza taż-żamma fis-seħħ tal-obbligi skont l-EGO 24 jew fuq it-trasparenza insuffiċjenti tal-azzjonijiet tar-Rumanija.

([66]) Id-Deċiżjoni, paragrafi 953, 961, 971, 984, 1 016, 1 020, 1 136.

([67]) Il-Kawżi Konġunti 106/87 sa 120/87 *Asteris* EU:C:1988:457.

([68]) Il-Kawżi Konġunti 106/87 sa 120/87 *Asteris* EU:C:1988:457, paragrafu 23.

([69]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2004 dwar l-għajnuna Olandiża favur Akzo-Nobel sabiex jiġi minimizzat it-trasport tal-kloru (Kawża N 304/2003), avviż fil-qosor fil-ĠU C 81, 2.4.2005, p. 4; ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-għajnuna Olandiża għar-rilokazzjoni tal-kumpanija taż-żarmar tal-karozzi, Steenbergen (Kawża N 575/05), avviż fil-qosor fil-ĠU C 80, 13.4.2007, p. 1.

([70]) Għall-istess raġunijiet, il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll bħala invalidi l-BITs intra-UE fil-bażi tal-proċedimenti ta' arbitraġġ elenkati fin-nota f'qiegħ il-paġna 53 tal-applikazzjoni.

għad-dritt tal-Unjoni billi mhumiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-Unjoni u għalhekk għandhom jitqiesu bħala invalidi. ([71]) Il-Kummissjoni kemm-il darba għamlet din l-opinjoni magħrufa lill-Istati Membri, inkluż lill-Istati Membri inkwistjoni.

(103) It-tielet, il-Kummissjoni tinnota li l-għan tad-Deċiżjoni huwa li tikkumpensa lill-applikanti għall-inċentivi li r-Rumanija kienet wegħdithom taħt l-EGO 24 (modifikati bl-EGO 75) iżda li kienet meħtieġa tabolixxi mill-Unjoni sabiex ittemm il-proċess tan-negozjati għall-adeżjoni tagħha fl-Unjoni. Għalhekk, b'kuntrast mal-każ ta' *Asteris*, ir-raġuni għaliex l-applikanti qegħdin jitolbu kumpens f'dan il-każ hija minħabba li kienu mċaħħda mill-inċentivi li r-Rumanija wegħdithom bi ksur tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 64 tal-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni u l-Liġi Nru 143/1999 kif interpretata bid-Deċiżjoni Nru 244/2000 tal-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni li ma tingħatax għajnuna illegali mill-Istat. Madankollu, kif spjega l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer ([72]), għoti ta' danni daqs it-total tal-ammonti ta' għajnuna li kienu previsti li jingħataw, ikun jikkostitwixxi għotja indiretta ta' għajnuna mill-Istat misjuba li hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern. Billi segwiet dik il-linja, il-Qorti Ġenerali qieset li l-klawsoli ta' indennizz għall-irkupru tal-għajnuna mill-Istat jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat ([73]). Barra minn hekk, fis-sentenza f'*Lucchini*, il-QtĠ-UE sostniet li qorti nazzjonali kienet impedita milli tapplika l-liġi nazzjonali fejn l-applikazzjoni ta' dik il-liġi jkollha l-effett li "ma tapplikax id-dritt komunitarju u tagħmel impossibbli l-irkupru ta' għajnuna mogħtija mill-Istat bi ksur tad-dritt Komunitarju" ([74]).

(104) It-tentattivi tar-rikorrenti sabiex jiddistingwu dawk il-kawżi mill-Kawża preżenti mhumiex konvinċenti. Li jgħodd mhuwiex li l-fatti preċiżi ta' dawk il-kawżi huma differenti minn dawk tal-Kawża preżenti, iżda l-prinċipju li jinforma dawk il-kawżi, jiġifieri li l-liġi nazzjonali, inklużi l-arranġamenti tar-responsabbiltà skont il-liġi nazzjonali, ma tistax tiġi applikata meta l-applikazzjoni tagħha tfixkel l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u finalment tirriżulta fl-għoti ta' għajnuna illegali mill-Istat. Għalhekk, il-Kawża dwar *Asteris* ma teżentax id-danni mogħtija bħala kumpens għall-irkupru ta' għajnuna illegali mill-Istat jew għan-nuqqas ta' riċeviment ta' għajnuna illegali mill-Istat. Il-Kummissjoni tqis li dak l-istess prinċipju japplika meta r-responsabbiltà toħroġ minn trattat skont il-liġi internazzjonali konklużi bejn żewġ Stati Membri (bħal BIT intra-UE) li l-applikazzjoni tiegħu twassal għall-għoti ta' għajnuna mill-Istat. Meta l-għoti ta' effett lil trattat intra-UE minn Stat Membru jfixkel l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dak l-Istat Membru jrid jirrispetta d-dritt tal-Unjoni billi d-dritt primarju tal-Unjoni, bħall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, jieħu preċedenza fuq l-obbligi internazzjonali ta' dak l-Istat Membru.

(105) L-argument tar-rikorrenti li qatt ma kien hemm deċiżjoni formali valida li tistabbilixxi li l-EGO 24 tikkostitwixxi għajnuna illegali mill-Istat jew li dawk l-inċentivi ma kinux kompatibbli mas-suq intern, mhuwiex rilevanti f'dan ir-rigward, billi hija l-implimentazzjoni/eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni u mhux l-inċentivi għall-investiment imwiegħda bl-EGO 24, li tikkostitwixxi l-miżura kkontestata u tifforma l-bażi tad-Deċiżjoni preżenti. Fil-fatt, meta jitqies li l-EGO 24 kienet abolita fit-22 ta' Frar 2005 u li ma tħallset l-ebda għajnuna skont dik il-leġislazzjoni wara dik id-data, la l-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni u lanqas il-Kummissjoni ma setgħu jikkonkludu f'deċiżjoni formali li l-EGO 24 wasslet għal għajnuna inkompatibbli mill-Istat fil-perjodu bejn it-22 ta' Frar 2005 sal-1 ta' April 2009, li huwa l-perjodu li għalih id-Deċiżjoni tagħti kumpens lir-rikorrenti.

(106) Għal dik l-istess raġuni, ma hemmx bżonn ukoll li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni formali li ssib l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat f'każijiet fejn qorti nazzjonali jew tribunal tal-arbitraġġ jagħtu kumpens kontra Stat Membru għall-irtirar ta' miżura ta' għajnuna. L-Artikolu 107(1) tat-Trattat fih projbizzjoni ġenerali fuq l-għoti ta' għajnuna "ta' kwalunkwe forma" mill-Istat. Il-forma preċiża tal-miżura għalhekk mhijiex rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk tagħtix vantaġġ ekonomiku lill-impriża ([75]). Għalhekk, jekk l-għajnuna mill-Istat tingħata permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza jew deċiżjoni, li l-Kummissjoni tqis li huwa l-każ fir-rigward tad-Deċiżjoni,

([71]) Ara t-tweġiba tal-Kummissarju De Gucht għall-Mistoqsija Parlamentari orali O-000043/2013/rev.1 li fiha huwa sostna "*Il-Kummissjoni taqbel li t-trattati bilaterali u ta' investiment (BITS) bejn Stati Membri tal-UE mhumiex konformi mal-liġi tal-UE*", dibattitu tas-sessjoni plenarja tat-22 ta' Mejju 2013. Ara wkoll id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2012 dwar il-movimenti ta' kapital u l-investimenti fl-UE - Dokument tas-Servizzi tal-Kummissjoni dwar il-Monitoraġġ tas-Suq, SWD(2012)6 finali, paġna 13. Ara wkoll, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-15 ta' April 2013 dwar il-moviment liberu tal-kapital fl-UE, SWD(2013)146 finali, paġni 11 u 14; id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2014 dwar il-moviment liberu tal-kapital fl-UE, SWD(2014)115 finali, paġna 12; u l-Kummissjoni Ewropea, Attivitajiet ta' monitoraġġ u analiżi, Trattati Bilaterali fuq l-Investiment bejn l-Istati Membri tal-UE (BITs intra-UE) 2012; disponibbli fis-sit: http://ec.europa.eu/internal_market/capital/analysis/monitoring_activities_and_analysis/index_en.htm.

([72]) L-opinjoni tat-28 ta' April 2005 fil-Kawżi Konġunti C-346/03 u C-529/03 *Atzori* ECLI:EU:C:2005:256, paragrafu 198.

([73]) Il-Kawża T-384/08 *Elliniki Nafpigokataskevastiki AE Chartofylakeiou vs il-Kummissjoni* EU:T:2011:650, u l-Kawża T-565/08 *Corsica Ferries vs il-Kummissjoni* EU:T:2012:415, paragrafi 23, 114 u 120 sa 131. Ara wkoll, b'analoġija, il-Kawża C-111/10 *Kummissjoni vs il-Kunsill* EU:C:2013:785, paragrafu 44.

([74]) Il-Kawża C-119/05 *Lucchini* EU:C:2007:434, paragrafu 59.

([75]) Il-Kawża C-280/00 *Altmark Trans* EU:C:2003:415, paragrafu 84.

huwa fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni li l-Kummissjoni trid turi li l-kundizzjonijiet kumulattivi tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma ssodisfati u li dik l-għajnuna mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

(107) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tfakkar li l-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni, diversi Pożizzjonijiet Komuni tal-Unjoni u l-Gvern Rumen wara r-revoka tal-EGO 24, kollha kkonkludew li l-EGO 24 wasslet għal għajnuna illegali mill-Istat skont il-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni, id-Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Rumanija, il-Liġi Nru 143/99 u l-*acquis communautaire*. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 244/2000 tal-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni qatt ma ġiet ikkontestata jew annullata, iżda biss injorata mil-leġiżlatur Rumen permezz tal-adozzjoni tal-EGO 75 kontra d-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 143/1999 dwar l-għajnuna mill-Istat u għalhekk bi ksur tal-obbligi tiegħu skont il-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni u d-Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Rumanija. L-Unjoni mbagħad insistiet li r-Rumanija tikkonforma ma' dik id-deċiżjoni, l-obbligi tagħha skont il-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni u l-*acquis communautaire* fil-kuntest tan-negozjati tal-adeżjoni, li tal-aħħar għamlet billi ħassret l-EGO 24.

(108) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni jikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku favur ir-rikorrenti li ma kinux jiksbu f'kundizzjonijiet normali tas-suq.

Selettività

(109) Mhux il-miżuri kollha li jagħtu vantaġġ ekonomiku lil impriża jikkostitwixxu Għajnuna mill-Istat, iżda dawk biss li jagħtu vantaġġ ekonomiku b'mod selettiv lil ċerti impriżi jew kategoriji ta' impriżi jew lil ċerti setturi ekonomiċi.

(110) Id-Deċiżjoni tagħti kumpens biss lir-rikorrenti. Għalhekk billi tħallas dak il-kumpens, permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, ir-Rumanija tagħti vantaġġ biss lir-rikorrenti. Il-miżura għalhekk hija selettiva.

(111) Barra minn hekk, kif joħroġ mis-sentenza dwar *Asteris*, il-kumpens għad-danni ma tibbenefikax minnu b'mod selettiv impriża individwali biss sakemm dak il-kumpens joħroġ mill-applikazzjoni ta' regola ġenerali tal-liġi għar-responsabbiltà tal-gvern li kull individwu jista' jinvoka, sabiex jiġi eskluż li kwalunkwe kumpens mogħti jagħti benefiċċju selettiv lil ċerti gruppi fis-soċjetà. Il-miżura kkontestata, li toħroġ mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-BIT, ma tikkonformax ma' dan ir-rekwiżit għar-raġunijiet kollha fil-każ preżenti.

(112) L-ewwel nett, il-BIT jagħti biss dan id-dritt ta' kumpens lil ċertu grupp ta' investituri, jiġifieri, lil investituri taż-żewġ Stati Membri koperti bil-BIT intra-UE, jiġifieri l-Isvezja u r-Rumanija. Għalhekk, mhux kull investitur tal-Unjoni fl-istess sitwazzjoni jista' juża dak il-BIT biex jitlob danni li jikkorrispondu għall-inċentivi mwieġħda taħt l-iskema ta' għajnuna abolita tal-EGO 24, iżda investituri ta' ċerta nazzjonalità biss. Għalhekk, sa fejn il-ħlas ta' kumpens mogħti lil investitur skont BIT jammonta għall-għoti ta' vantaġġ, il-vantaġġ huwa selettiv. Rigward l-argument tar-rikorrenti li l-karattru ġenerali tal-benefiċċji pprovduti bil-BITs qabel kien rikonoxxut mill-Kummissjoni (ara l-premessa 66), id-dikjarazzjoni kkwotata mir-rikorrenti b'appoġġ għal dik it-talba fil-fatt mhijiex dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, iżda silta minn studju ppreparat minn kuntrattur estern għad-Dipartiment tal-Politika tad-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Parlament Ewropew. It-tieni, sabiex jitneħħa kwalunkwe dubju dwar is-sjieda tal-opinjonijiet espressi f'dan l-istudju, huwa jinkludi dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li tispeċifika li l-awtur iġorr ir-responsabbiltà unika għalihom u li huma ma jirriflettux il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew. Id-dikjarazzjoni magħmula f'dan ir-rapport ma tistax tiġi imputata lill-Kummissjoni u mhijiex rilevanti għal din il-kawża.

(113) It-tieni, il-miżura kkontestata tikkumpensa lill-applikanti għar-revoka tal-inċentivi għall-investiment li minnhom infushom huma ta' natura selettiva. Fil-fatt, l-inċentivi offruti taħt l-EGO 24 kienu disponibbli biss għal impriżi li jinvestu f'ċerti reġjuni. Għalhekk, il-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti għandu fih innifsu jitqies bħala selettiv billi jikkorrispondi għall-vantaġġi mwieġħda taħt l-EGO 24 abolita.

(114) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tqis li l-BIT li abbaži tiegħu t-Tribunal ta l-kumpens lir-rikorrenti ma baqax validu mal-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, u għalhekk ma jistax jitqies li jifforma l-bażi għal regola ġenerali tal-liġi għar-responsabbiltà tal-gvern li kull investitur jista' juża.

(115) Għar-raġunijiet kollha ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tagħti vantaġġ selettiv lir-rikorrenti.

Riżorsi tal-Istat

(116) Vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat biss jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Fil-każ preżenti, ir-Rumanija diġà implimentat parzjalment id-Deċiżjoni billi paċiet parti mill-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti kontra t-taxxi dovuti minn wieħed mir-rikorrenti lill-Istat Rumen. Barra minn hekk l-eżekutur maħtur mill-qorti qabad fondi mill-kontijiet tal-Istat biex jissodisfa t-talbiet pendenti tar-rikorrenti skont id-Deċiżjoni. Il-pagamenti diretti mill-baġit tal-Istat, it-telf ta' introjtu mill-Istat bit-tħassir tat-taxxi dovuti, jew it-tħassir ta' assi oħra tal-Istat (bħal ishma f'impriżi oħra jew it-trasferiment tal-assi maqbuda) lir-rikorrenti, sew jekk magħmula b'mod volontarju jew permezz ta' eżekuzzjoni ordnata mill-qorti, kollha għandhom jitqiesu bħala miżuri ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat.

Imputabbiltà

(117) Biex vantaġġ selettiv jikkostitwixxi għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, huwa jrid ikun, fost affarijiet oħra, imputabbli lill-Istat ([76]). Fil-każ preżenti, ir-rikorrenti jsostnu li billi l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni hija "konsegwenza awtomatika u involontarja tal-obbligi tar-Rumanija skont il-Konvenzjoni dwar l-ICSID, hija b'mod ċar mhux imputabbli lill-Istat, u għalhekk ma tistax tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat". Il-punt prinċipali tal-argument tar-rikorrenti huwa li billi r-Rumanija għandha obbligu skont il-liġi internazzjonali li timplimenta d-Deċiżjoni, li tagħmel dan mhuwiex imputabbli lill-Istat. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dan ir-raġunament u tikkunsidra l-miżura bħala imputabbli lir-Rumanija għar-raġunijiet li ġejjin.

(118) Il-Kummissjoni fil-bidu tinnota li l-qbil volontarju tar-Rumanija li tidħol fil-BIT, b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu, ħoloq il-kundizzjonijiet għall-vantaġġ selettiv li jirriżulta mid-Deċiżjoni kif spjegat fil-premessi 110 *et seq.*

(119) Barra minn hekk, jekk ir-Rumanija timplimenta b'mod volontarju d-Deċiżjoni billi tħallas il-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti, ma hemm l-ebda dubju li dik l-azzjoni tkun imputabbli lill-Istat Rumen. Hu x'inhu, dak huwa l-każ għall-porzjon tal-kumpens mogħti lir-rikorrenti bid-Deċiżjoni li r-Rumanija paċiet kontra t-taxxi dovuti minn wieħed mir-rikorrenti, jiġifieri S.C. European Food S.A, lill-awtoritajiet Rumeni. Dak huwa l-każ ukoll meta r-Rumanija ddeċidiet li tħallas volontarjament il-kumpens pendenti mogħti mit-Tribunal.

(120) Fl-aħħar nett, kull azzjoni tal-organi Statali tar-Rumanija hija imputabbli lir-Rumanija. Dawk l-organi Statali jinkludu l-gvern tal-Istat Membru u awtoritajiet pubbliċi oħra. B'mod partikolari, anki l-qrati nazzjonali ta' Stat u l-eżekuturi u l-marixxalli maħtura mill-qorti għandhom jitqiesu bħala organi ta' dak l-Istat u għalhekk huma marbuta skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea bl-obbligu tagħhom ta' kooperazzjoni sinċiera fir-rigward tal-Unjoni. Għalhekk, l-azzjonijiet tal-qrati domestiċi u tal-eżekuturi u l-marixxalli maħtura mill-qorti huma imputabbli lill-Istat Rumen, sabiex jekk ir-Rumanija tkun sfurzata tikkumpensa lir-rikorrenti skont id-Deċiżjoni bl-azzjoni tal-qrati jew l-eżekuturi u l-marixxalli maħtura mill-qorti tagħha, dik l-azzjoni tkun imputabbli wkoll lill-Istat Rumen. Id-dritt tal-Unjoni jirrikonoxxi biss eżenzjoni dejqa minn dan il-prinċipju ġenerali tal-imputabbiltà: miżura ma tkunx imputabbli lil Stat Membru jekk dak l-Istat Membru jkun obbligat bid-dritt tal-Unjoni li jimplimenta dik il-miżura mingħajr l-ebda diskrezzjoni. F'dak il-każ, il-miżura toħroġ minn att tal-leġislatura tal-Unjoni u ma tkunx imputabbli lill-Istat. Madankollu, m'hemmx dubju li r-Rumanija mhijiex obbligata bid-dritt tal-Unjoni li timplimenta d-Deċiżjoni. Kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni jew eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, sew jekk tittieħed mill-gvern Rumen jew mill-qrati domestiċi tar-Rumanija, għalhekk hija imputabbli lill-Istat Rumen.

(121) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura hija imputabbli lir-Rumanija.

Distorsjoni tal-Kompetizzjoni u l-Effett fuq il-Kummerċ

(122) Miżura mogħtija mill-Istat titqies li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni meta tkun probabbli li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju meta mqabbel ma' impriżi oħra li jikkompeti magħhom ([77]). Għar-raġunijiet prattiċi kollha, għalhekk tiġi preżunta distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 107 tat-Trattat malli l-Istat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn hemm, jew jista' jkun hemm, kompetizzjoni. Vantaġġ mogħti lil impriża, li wassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, normalment ikun probabbli wkoll li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-kummerċ bejn l-Istati Membri jkun affettwat meta miżura ssaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva tal-impriża benefiċjarja meta mqabbel ma' impriżi oħra li jikkompetu f'kummerċ intra-Komunitarju ([78]).

([76]) Il-Kawża T-351/02 *Deutsche Bahn AG vs il-Kummissjoni* EU:T:2006:104, paragrafu 101.
([77]) Il-Kawża 730/79 *Phillip Morris* EU:C:1980:209, paragrafu 11. Il-Kawżi Konġunti T-298/97, T-312/97 eċċ. *Alzetta* EU:T:2000:151, paragrafu 80.
([78]) Il-Kawża T-288/97 *Friuli Venezia Giulia* EU:T:2001:115, paragrafu 41.

(123) Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet (ara l-premessa 81 u dawk sussegwenti) li r-rikorrenti flimkien jiffurmaw unità ekonomika unika, li min-naħa tagħha tifforma l-impriża rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Dik l-impriża hija attiva f'suq liberalizzat, billi tikkompeti ma' impriżi oħra. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-ħlas tal-kumpens lir-rikorrenti, bl-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, itejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom meta mqabbel ma' impriżi oħra li magħhom jikkompetu, li ma rċevewx kumpens simili għall-irtirar tal-għajnuna illegali mill-Istat. Il-kumpens previst mid-Deċiżjoni huwa bbażat fuq ammont li jikkorrispondi għad-dazji doganali ċċarġjati fuq il-materja prima, il-profitti mitlufa u l-imgħax fuq issomma totali tad-danni mogħtija. L-ispejjeż tal-materja prima, bħala inputs għall-prodotti finali, jikkostitwixxu spejjeż operatorji ordinarji tal-impriżi. Il-helsien tal-applikanti minn parti mill-ispejjeż operatorji ordinarji jagħtihom vantaġġ kompetittiv ċar, bħalma jagħmel il-kumpens lill-applikanti għall-profitti mitlufa u l-pagament talimgħax. Ir-rikorrenti huma involuti fil-manifattura ta' prodotti tal-ikel, prodotti tat-tħin, u imballaġġ tal-plastik. Jeżisti suq liberalizzat għal dawk il-prodotti kollha, u għalhekk kwalunkwe vantaġġ mogħti lir-rikorrenti huwa probabbli li jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni. Billi l-prodotti magħmula prinċipalment mir-rikorrenti jistgħu u fil-fatt jiġu nnegozjati b'mod estensiv bejn l-Istati Membri, huwa ċar li kwalunkwe vantaġġ mogħti lir-rikorrenti huwa probabbli wkoll li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(124) Il-Kummissjoni tinnota li l-argumenti tar-rikorrenti li jiċħdu d-distorsjoni tal-kompetizzjoni sempliċement jirrepetu l-affermazzjonijiet li l-aħwa Micula ma jistgħux jitqiesu bħala impriżi u li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ma tagħti l-ebda vantaġġ lir-rikorrenti. Iż-żewġ affermazzjonijiet diġà ġew indirizzati b'mod estensiv aktar 'il fuq (ara l-premessi 81 *et seq u 92 et seq*) u m'għandhomx bżonn aktar kummenti.

Konklużjoni

(125) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti jammonta għal għajnuna mill-Istat għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

7.2. **L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi mħarsa bl-Artikolu 351 tat-Trattat**

(126) L-Artikolu 351 tat-Trattat jipprovdi li "[i]d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim konklużi […] għal Stati li jingħaqdu, qabel id-data tal-adeżjoni, bejn Stat Membru wieħed jew aktar u Stat mhux membru wieħed jew aktar, m'għandhomx jintlaqtu mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati." Fil-każ preżenti, id-drittijiet u l-obbligi li jibbażaw fuqhom ir-rikorrenti huma dawk li joħorġu mill-BIT.

(127) Mill-mod kif inhu miktub l-Artikolu 351 tat-Trattat huwa ċar li dan ma japplikax fil-każ preżenti, billi l-BIT huwa trattat konklużż bejn żewġ Stati Membri tal-Unjoni, l-Isvezja u r-Rumanija, u mhux trattat "bejn Stat Membru wieħed jew aktar u Stat mhux membru wieħed jew aktar". Għalhekk, l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat fil-każ preżenti ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi protetti bl-Artikolu 351 tat-Trattat.

(128) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar li skont id-dritt tal-Unjoni japplikaw regoli differenti għall-BITs intra-UE, fuq naħa, u l-BITs konklużi bejn Stat Membru tal-Unjoni u pajjiż terz, fuq in-naħa l-oħra. Fil-każ tal-BITs intra-UE, il-Kummissjoni tqis li tali ftehimiet imorru kontra d-dritt tal-Unjoni, mhumiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-Unjoni u għalhekk għandhom jitqiesu bħala mhux validi. B'kuntrast, il-BITs konklużi bejn Stat Membru tal-Unjoni u pajjiż terz huma regolati bir-Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([79]) li jistabbilixxi arranġamenti tranżizzjonali għal ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi sakemm dawk l-arranġamenti jiġu progressivament sostitwiti bi ftehimiet tal-Unjoni dwar l-istess suġġett, fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni li taħtha jaqa' l-investiment dirett barrani ([80]).

(129) Ir-Rumanija hija wkoll parti għall-Konvenzjoni multilaterali dwar l-ICSID, li aderiet fiha qabel l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni. Madankollu, billi l-ebda Parti Kontraenti ta' pajjiż terz għall-Konvenzjoni dwar l-ICSID ma hija parti għall-BIT involut fil-proċedimenti preżenti, l-Artikolu 351 mhuwiex rilevanti għal dan il-każ.

([79]) Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 40).

([80]) L-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat.

7.3. **Għajnuna Ġdida**

(130) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jipprovdi li l-għajnuna mill-Istat, fil-prinċipju, mhijiex kompatibbli mas-suq intern. Sakemm miżura ta' għajnuna ma tkunx iddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni, l-Istati Membri huma pprojbiti milli jdaħħlu fis-seħħ miżuri ta' għajnuna mill-Istat. Skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, Stat Membru jrid jinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe pjan biex jibdel jew jagħti għajnuna u m'għandux idaħħal fis-seħħ il-miżura proposta tiegħu sakemm il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni finali dwar il-kompatibbiltà ta' dik il-miżura mas-suq intern.

(131) L-obbligu li ma tiddaħħal fis-seħħ l-ebda miżura ta' għajnuna mingħajr deċiżjoni finali mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' dik il-miżura ta' għajnuna japplika biss, naturalment, għal miżuri ta' għajnuna mdaħħla fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat għall-Istat Membru kkonċernat. Għar-Rumanija, it-Trattat daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

(132) Ir-rikorrenti ma jaqblux li l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tikkostitwixxi "għajnuna ġdida" fis-sens tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Huma jsostnu li anki jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija korretta *quod non* u l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tikkostitwixxi għajnuna, id-data tal-għoti ta' dik l-għajnuna tkun l-għoti inizjali tal-benefiċċji skont l-EGO 24 lir-rikorrenti, li seħħ fl-2000 u fl-2002 u għalhekk qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni. Skont ir-rikorrenti, l-aħħar mument li jista' jitqies bħala d-data tal-għoti huwa d-dħul fis-seħħ tal-BIT, u li fuqu hija bbażata d-Deċiżjoni, u li daħal fis-seħħ fl-2003.

(133) Il-Kummissjoni ma taqbilx mar-rikorrenti u tqis li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti, permezz tal-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, jammonta għal għajnuna ġdida u għalhekk huwa soġġett għall-mekkaniżmu ta' kontroll sħiħ tal-għajnuna mill-Istat stabbilit fl-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Skont il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, l-għajnuna trid titqies li tingħata fiż-żmien li jingħata dritt inkondizzjonat lill-benefiċjarju sabiex jirċeviha skont ir-regoli nazzjonali applikabbli. ([81]) Lanqas l-adozzjoni tal-EGO 24 fit-2 ta' Ottubru 1998, jew id-dežinjazzjoni ta' Ștei-Nucet, kontea ta' Bihor, bħala reġjun żvantaġġat għal 10 snin (effettiva fl-1 ta' April 1999), jew l-għoti ta' ċertifikati ta' investitur permanenti lil S.C. European Food S.A. (fl-1 ta' Ġunju 2000) u S.C. Starmill S.R.L. u S.C. Multipack (fis-17 ta' Mejju 2002) ma jagħtu lir-rikorrenti dritt inkondizzjonat li jiksbu l-Faċilità għall-Materja Prima sal-1 ta' April 2009. Pjuttost, id-dritt għal dik il-Faċilità nkiseb biss minn kumpanija eliġibbli għall-għajnuna skont l-iskema stabbilita bl-EGO 24:

— taħt l-iskema inizjali stabbilita bl-EGO 24: meta l-aġenzija għall-iżvilupp reġjonali approvat id-dokumenti talbejgħ għall-produzzjoni tal-kumpanija, li jattestaw li kienet seħħet importazzjoni ta' materja prima maħsuba biex tiġi integrata fil-produzzjoni interna, li tagħti d-dritt għal rimborż tad-dazji doganali mħallsa ([82]); u

— wara li l-Faċilità għall-Materja Prima tal-EGO 24 kienet trasformata f'eżenzjoni mid-dazji doganali skont l-EGO 75: meta kumpanija eliġibbli għall-għajnuna taħt dik l-iskema impurtat materja prima sabiex tiġi integrata fil-produzzjoni interna u talbet l-eżenzjoni mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntieri abbażi ta' dokumenti ġustifikati kif għandu jkun.

(134) Billi l-iskema stabbilita bl-EGO 24, kif modifikata bl-EGO 75, kienet revokata fit-22 ta' Frar 2005, ma seta' jinkiseb id-dritt għall-għajnuna mill-ebda kumpanija wara dik id-data skont il-qafas regolatorju nazzjonali billi tiġi impurtata materja prima fir-Rumanija biex tiġi integrata fil-produzzjoni interna. Għalhekk, it-talba tal-applikanti għal kumpens mill-Istat Rumen toħroġ biss mid-Deċiżjoni flimkien mal-liġi domestika Rumena li tagħtiha effett legali fl-ordni legali domestiku tar-Rumanija. Billi d-Deċiżjoni ngħatat u tirriskja li tiġi implimentata jew esegwita wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, id-dritt inkondizzjonat skont il-liġi domestika Rumena għar-riċeviment tal-kumpens mogħti mit-Tribunal, li jirriżulta mir-ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-ISCID li tintegrah fl-ordni legali domestiku tar-Rumanija u b'hekk tagħti lid-Deċiżjoni effett legali fl-ordni legali domestiku tar-Rumanija, ingħata lir-rikorrenti biss wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni.

([81]) Il-Kawża C-129/12 *Magdeburger Mühlenwerke* EU:C:2013:200, paragrafu 40.

([82]) Traduzzjoni fil-lingwa Ingliża tal-provvediment inizjali li kien jipprovdi għall-Faċilità għall-Materja Prima (li hija l-inċentiv għall-investiment li r-revoka tiegħu wasslet biex jingħataw danni lill-applikanti skont id-Deċiżjoni) tista' tinstab fil-paragrafu 148 tad-Deċiżjoni. Skont dik it-traduzzjoni, l-Artikolu 6(1)(b) jipprovdi li "Privately held companies, Romanian legal entities, as well as small or family business, authorised pursuant to the Decree-Law no. 54/1990 concerning the organisation and operation of free initiative-based economic activities that are headquartered and conduct business within the disadvantaged region, will be granted the following advantages for their new investments in the these regions: […] refunds of customs duties on raw materials, spare parts and/or components necessary of achieving the investor's own production in that region. The refunds will be made based on the approval by the regional development agencies of the companies' production sales documents. The funds necessary for the refund of the customs duties will be provided to the Agency for Regional Development from the Regional development Fund. In case of unprivileged regions belonging to two or more administrative-territorial units, the funds necessary for the refund of the customs duties will be provided by the National Agency for Regional Development from the National Development Fund [the "**Raw Materials Incentive**" or "**Raw Materials Facility**"];

(135) F'dan ir-rigward huwa importanti wkoll li jiġi nnotat li d-Deċiżjoni tagħti lir-rikorrenti kumpens f'ammont li jikkorrispondi għall-vantaġġi previsti skont il-Faċilità għall-Materja Prima abolita tal-iskema tal-EGO 24 millmument li dik il-leġislazzjoni kienet revokata (22 ta' Frar 2005) sal-allegata skadenza skedata tagħha (1 ta' April 2009). Dak il-perjodu jinkludi ftit aktar minn 49 xahar, li matul il-biċċa l-kbira tagħhom (27 xahar), ir-Rumanija kienet membru sħiħ tal-Unjoni direttament soġġetta għad-dixxiplina dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulata fit-Trattat. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tagħti lir-rikorrenti kumpens għall-opportunità mitlufa li jaħżnu għal quddiem iz-zokkor fl-2009, fuq is-suppożizzjoni li t-telf konness sar bejn il-31 ta' Marzu 2009 u l-1 ta' Lulju 2010. Dan l-allegat telf għalhekk sar kollu wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni fl-2007. Fl-aħħar nett, it-Tribunal ta kumpens għall-profitti mitlufa, billi kkunsidra l-allegat telf imġarrab bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Awwissu 2011. Dak il-perjodu jinkludi 80 xahar, li matul il-biċċa l-kbira tagħhom (56 xahar), ir-Rumanija kienet membru sħiħ tal-Unjoni direttament soġġetta għad-dixxiplina dwar l-għajnuna mill-Istat kif stipulata fit-Trattat.

(136) Fl-aħħar nett, l-iskema ta' inċentivi tal-EGO 24 mhijiex imsemmija fl-Anness V, kapitolu 2, Nru 1 tal-Att ta' Adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, li jelenka b'mod eżawrjenti l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jkunu kkunsidrati bħala għajnuna eżistenti mal-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni ([83]) ([84]).

(137) Il-fatt li la l-Att ta' Adeżjoni u lanqas it-Trattat ma kienu applikabbli għar-Rumanija fiż-żmien meta r-Rumanija allegatament kisret l-obbligi tagħha skont il-BIT billi rrevokat l-iskema ta' għajnuna stabbilita bl-EGO 24 jew meta r-rikorrenti ressqu t-talbiet tagħhom skont il-BIT quddiem it-Tribunal, huwa irrilevanti. Ir-rikorrenti fl-ebda punt ma kisbu dritt inkondizzjonat għall-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal, li huwa l-miżura li qiegħda tiġi kkunsidrata. Huwa biss meta t-Tribunal stabbilixxa li kien hemm ksur tal-Artikolu 2(3) tal-BIT billi ta d-Deċiżjoni fil-11 ta' Diċembru 2013, flimkien mal-liġi domestika Rumena li tagħti effett legali fl-ordni legali domestiku tar-Rumanija lid-Deċiżjoni, li r-rikorrenti rċevew dritt inkondizzjonat għal dak il-kumpens li huma setgħu jinfurzaw kontra r-Rumanija. Dik id-data kienet wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

(138) Il-każ tar-rikorrenti għalhekk mhuwiex komparabbli mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża N 380/04 li għaliha jirreferu. Il-Kawża N 380/04 kienet tirrigwarda kuntratt konkluż bejn il-kumpanija Latvijas Gāze ("LG") u l-Latvja 1997. Meta nqalgħet tilwima bejn LG u l-Latvja fuq l-obbligi ta' din tal-aħħar skont il-kuntratt, inbdew proċedimenti ta' arbitraġġ kummerċjali fi Stokkolma skont ir-regoli tal-UNCITRAL. It-tribunal tal-arbitraġġ stabbilit għal dawk il-proċedimenti, fid-19 ta' Ġunju 2003 iddeċieda li l-Latvja kellha tħallas kumpens lil LG għall-perjodu mill-10 ta' Jannar 2001 sal-10 ta' Marzu 2003. Il-Latvja ma kkonformatx mad-deċiżjoni tal-arbitraġġ qabel l-adeżjoni tagħha fl-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 u nnotifikat l-implimentazzjoni prevista ta' dik id-deċiżjoni lill-Kummissjoni wara l-adeżjoni. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni osservat li l-obbligu ta' kumpens irriżulta fuq il-bażi tal-kuntratt tal-1997, li l-kumpens mogħti mit-tribunal tal-arbitraġġ kien jirrigwarda fl-intier tiegħu perjodu qabel l-adeżjoni tal-Latvja, u li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ innifisha nħarġet qabel l-adeżjoni tal-Latvja fl-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li "il-pagament […] tad-danni mogħtija mit-Tribunal […] jikkostitwixxi semplikement att ta' implimentazzjoni ta' miżura li mmaterjalizzat kompletament qabel l-adeżjoni" u li l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ tal-2003 ma tistax titqies li tikkostitwixxi "għajnuna ġdida". Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża N 380/04 innifisha turi li hija ma ppreġudikatx l-analiżi ta' pagamenti futuri possibbli skont il-kuntratt li kienu jirrigwardaw perjodi ta' wara l-adeżjoni, u b'hekk ftit illimitat l-approċċ magħżul għall-fatti speċifiċi nnotifikati mil-Latvja.

(139) B'kuntrast, fil-każ preżenti, l-obbligu ta' kumpens joħroġ mid-Deċiżjoni, li ngħatat fl-2013, il-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti jirrigwarda fil-biċċa l-kbira l-perjodu ta' wara l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni u d-Deċiżjoni nnifisha nħarġet kważi seba' snin wara li r-Rumanija ssieħbet fl-Unjoni. Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni fil-Kawża N 380/04 hija differenti b'mod ċar mill-każ preżenti billi fl-ewwel każ ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li bl-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni b'arbitraġġ tal-2003, LG kienet se tikseb għajnuna illegali mill-Istat li l-Latvja kienet wieġħdet li tagħti kuntrarju għall-obbligi tagħha dwar l-għajnuna mill-Istat bħala pajjiż kandidat li se jissieħeb fl-Unjoni.

([83]) It-tliet kategoriji ta' għajnuna eżistenti msemmija fl-Att ta' Adeżjoni huma:
— il-miżuri ta' għajnuna mdaħħla fis-seħħ qabel l-10 ta' Diċembru 1994;
— il-miżuri ta' għajnuna elenkati fl-Appendiċi għal dan l-Anness;
— il-miżuri ta' għajnuna li qabel id-data tal-adeżjoni kienu valutati mill-awtorità għall-monitoraġġ tal-għajnuna mill-Istat tal-Istat Membru ġdid u nstabu li kienu kompatibbli mal-acquis, u li għalihom il-Kummissjoni ma qajmet l-ebda oġġezzjoni abbażi ta' dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq komuni, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2.
Kwalunkwe deċiżjoni sabiex tiġi esegwita d-Deċiżjoni ma hija koperta mill-ebda waħda minn dawn it-tliet kategoriji. Anki kieku jitqies li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni terġa' tistabbilixxi biss id-drittijiet tar-rikorrenti skont l-EGO 24 daqs li kieku l-inċentivi rilevanti taħtha ma kinux revokati qabel l-iskadenza skedata tagħhom, dak l-istabbiliment mill-ġdid retroattiv xorta jkun irid jitqies bħala "għajnuna ġdida" mill-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni.

([84]) Ara wkoll il-Kawżi Konġunti T-80/06 u T-182/09 *Budapesti Erömü* EU:T:2012:65, paragrafu 54.

(140) Il-Kummissjoni għalhekk issib li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti jikkostitwixxi għajnuna ġdida u li dik il-miżura tista' tiddaħħal fis-seħħ biss jekk u wara li l-Kummissjoni tkun awtorizzatha skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

7.4. **Illegalità skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat**

(141) Il-kumpens mogħti mit-Tribunal diġà ġie parzjalment imħallas mir-Rumanija lir-rikorrenti permezz tat-tpaċija ta' ċerti djun tat-taxxa dovuti minn wieħed mir-rikorrenti, S.C. European Food S.A., lill-Istat Rumen. Billi dik l-implimentazzjoni parzjali tad-Deċiżjoni ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni mir-Rumanija, il-miżura ddaħħlet fis-seħħ b'mod illegali bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Kwalunkwe pagament ulterjuri tal-kumpens mogħti mit-Tribunal, bl-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni, li l-Kummissjoni jew ma tafx bih jew li jista' jseħħ wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għall-istess raġunijiet ikun jikkostitwixxi wkoll ksur tal-obbligu tar-Rumanija li tikkonforma mal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

7.5. **Kompatibbiltà mas-suq intern**

(142) Mill-bidu, il-Kummissjoni tfakkar li meta tkun qiegħda tiġi valutata l-kompatibbiltà ta' miżura mas-suq intern skont l-Artikoli 107(2) u 107(3) tat-Trattat, l-oneru tal-provi huwa r-responsabbiltà prinċipali tal-Istat Membru ([85]). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar ukoll li miżura ta' għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern, jekk tinvolvi ksur inseparabbli ta' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra tat-Trattat ([86]). Fil-preżent, ir-Rumanija ma ppreżentat l-ebda argument li jista' jiġġustifika l-miżura skont l-Artikoli 107(2) u 107(3) tat-Trattat. Madankollu, għall-benefiċċju tal-kompletezza, il-Kummissjoni tħoss li huwa xieraq li twettaq valutazzjoni tal-kompatibbiltà fuq inizjattiva proprja tagħha.

(143) Ir-rikorrenti jsostnu li l-miżura tikkostitwixxi għajnuna reġjonali kompatibbli. Fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(a) u 107(3)(c) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra bħala kompatibbli mas-suq intern għajnuna mill-Istat sabiex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' ċerti żoni żvantaġġati fi ħdan l-Unjoni. Il-kundizzjonijiet li fihom għajnuna għall-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern huma stabbiliti fil-Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-perjodu 2014–2020 ("RAG 2014"). Il-premessa 188 ta' dawk il-Linji gwida tispjega li dawn japplikaw għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna reġjonali kollha maħsuba biex tingħata wara t-30 ta' Ġunju 2014. Dan ifisser li l-għajnuna reġjonali mogħtija b'mod illegali jew l-għajnuna reġjonali maħsuba sabiex tingħata qabel l-1 ta' Lulju 2014 għandha tiġi valutata skont il-Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu 2007-2013 ([87]) ("RAG 2007").

(144) Kif spjegat fil-premessa 134, ir-rikorrenti ngħataw dritt inkondizzjonat għall-għajnuna meta nħarġet id-Deċiżjoni fil-11 ta' Diċembru 2013, flimkien mal-liġi domestika Rumena li tagħti effett legali fl-ordni legali domestiku tar-Rumanija lid-Deċiżjoni, jiġifieri, qabel id-dħul fis-seħħ tar-RAG 2014. Għalhekk, il-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti għandu jiġi valutat skont ir-RAG 2007.

(145) F'dawk il-linji gwida, il-Kummissjoni tistabbilixxi li għajnuna reġjonali mmirata sabiex tnaqqas l-ispejjeż kurrenti ta' impriża, tikkostitwixxi għajnuna operatorja u mhux se titqies bħala kompatibbli mas-suq intern, sakemm ma tingħatax f'ċirkustanzi eċċezzjonali biex tindirizza diffikultajiet speċifiċi ffaċċjati minn impriżi f'reġjuni żvantaġġati li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat. ([88])

(146) Fil-każ preżenti, il-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti jirreferi għat-telf direttament marbut mar-revoka tal-inċentivi tal-EGO 24 u huwa mmirat biex ipoġġi lill-benefiċjarju fil-pożizzjoni li "b'kull probabbiltà" kien isib ruħu fiha kieku ma kinux revokati l-inċentivi tal-EGO 24. Fil-fatt, l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni terġa' tistabbilixxi s-sitwazzjoni li r-rikorrenti, b'kull probabbiltà, kienu jkunu fiha kieku r-Rumanija ma rrevokatx l-EGO 24. Billi l-vantaġġi mogħtija taħt l-EGO 24 kienu marbuta mal-ispejjeż rikorrenti tar-rikorrenti u ma kinux marbuta ma' investiment inizjali, dawk il-vantaġġi kienu jikkostitwixxu għajnuna operatorja. Għalhekk, it-tqegħid tal-benefiċjarju fil-pożizzjoni li kien ikun fiha kieku ma kinux revokati l-inċentivi tal-EGO 24 u għalhekk il-kumpens għat-telf marbut ma' din ir-revoka, jikkostitwixxi għajnuna operatorja. Kif spjegat fil-premessi 92 *et seq*, il-pagament tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti, fir-realtà b'mod retroattiv, inaqqas l-ispejjeż operatorji mġarrba minnhom fit-twettiq tal-attività ekonomika tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq normali.

([85]) Il-Kawża T-68/03 *Olympiaki Aeroporia Ypiresies AE vs il-Kummissjoni* EU:T:2007:253, paragrafu 34.
([86]) Il-Kawża C-225/91 *Matra vs il-Kummissjoni* EU:C:1993:239, paragrafu 41.
([87]) Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu 2007-2013 (ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13).
([88]) RAG 2007, punt 76.

(147) Skont il-punti 76, 77 u 79 tar-RAG 2007, l-għajnuna operatorja ġeneralment hija pprojbita, u tista' tingħata biss b'mod eċċezzjonali f'reġjuni tal-Artikolu 107(3)(a) bil-kundizzjoni li:

— tkun iġġustifikata f'termini tal-kontribut tagħha għall-iżvilupp reġjonali (immirata);

— in-natura tagħha u l-livell tagħha jkunu proporzjonali għad-diffikultajiet li tkun qiegħda tfittex li ttaffi;

— tkun temporanja u tonqos maż-żmien, u għandha tiġi eliminata b'mod gradwali meta r-reġjuni kkonċernati jiksbu konverġenza reali maż-żoni aktar sinjuri tal-UE;

— fil-prinċipju tingħata fir-rigward ta' sett predefinit ta' nefqiet jew spejjeż eliġibbli u tkun limitata għal ċertu proporzjon ta' dawk l-ispejjeż;

— l-Istat Membru jkun impenja ruħu li jirrispetta regoli dettaljati tar-rappurtaġġ, kif stabbiliti fil-punt 83 tar-RAG 2007.

(148) L-attivitajiet ekonomiċi li jibbenefikaw mill-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni jinsabu f'żona li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat, kif stabbilit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-mappa tal-għajnuna reġjonali għar-Rumanija għas-snin 2007-2013 ([89]) u għas-snin 2014-2020 ([90]).

(149) Madankollu, il-Kummissjoni ma tarax kif il-ħlas tal-kumpens mogħti lir-rikorrenti huwa ġustifikat f'termini tal-kontribut għall-iżvilupp reġjonali taż-żoni kkonċernati. L-għajnuna operatorja li tirriżulta minn dak il-pagament mhijiex immirata sabiex tikkontribwixxi għall-objettiv ta' ekwità komuni kif meħtieġ skont l-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat, iżda sempliċement biex tikkumpensa lill-benefiċjarju għat-telf imġarrab mir-revoka tal-EGO 24 qabel id-data ta' skadenza prevista tagħha. Dan jirriżulta fi flus b'xejn għar-rikorrenti mingħajr l-ebda impatt pożittiv għall-iżvilupp tar-reġjun.

(150) Mhuwiex biżżejjed li l-attività ekonomika tkun qiegħda f'"żona" sabiex jiġi preżunt li l-miżura hija proporzjonali għall-iżvantaġġi li tkun qiegħda tfittex li ttaffi, billi l-ewwel nett irid jintwera x'inhuma dawn l-iżvantaġġi u t-tieni, kif dawn joħolqu ostakolu għall-iżvilupp tar-reġjun ikkonċernat. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova, il-Kummissjoni ma setgħetx tidentifika l-iżvantaġġi speċifiċi li l-miżuri ta' għajnuna kienu se jfittxu li jtaffu.

(151) Il-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti huwa ta' natura temporanja, billi m'għandux effetti wara li titlesta l-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni. Madankollu, mhuwiex limitat għal ċertu porzjon ta' spejjeż predefiniti, billi dak il-kumpens huwa mmirat sabiex jassigura li jiġi kopert it-telf kollu mġarrab mir-rikorrenti.

(152) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti ma jikkonformax mar-RAG 2007 u għalhekk ma jistax jiġi ddikjarat bħala kompatibbli mas-suq intern. Billi ma hija applikabbli l-ebda bażi oħra ta' kompatibbiltà, il-Kummissjoni tqis li l-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna ma ġietx stabbilita.

7.6. **Konklużjoni dwar il-valutazzjoni tal-miżura ta' għajnuna**

(153) L-analiżi ta' hawn fuq tindika li l-ħlas tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti jammonta għall-għoti ta' għajnuna inkompatibbli ġdida li mhijiex kompatibbli mat-Trattat. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li r-Rumanija diġà ħallset parzjalment dak il-kumpens billi paċiet djun tat-taxxa dovuti minn wieħed mir-rikorrenti, S.C. European Food S.A., lill-Istat Rumen kontra parti minn dak il-kumpens, kif ukoll bl-azzjoni meħuda mill-eżekutur maħtur mill-qorti.

8. **RKUPRU**

(154) Skont it-Trattat u l-ġurisprudenza stabbilita tal-QtĠ-UE, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat irid jabolixxi jew jibdel l-għajnuna meta jsib li mhijiex kompatibbli mas-suq intern ([91]). Il-Qorti sostniet ukoll b'mod konsistenti li l-obbligu ta' Stat Membru li jabolixxi għajnuna kkunsidrata mill-Kummissjoni bħala mhux kompatibbli mas-suq intern, huwa maħsub sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ([92]). F'dan il-kuntest, il-Qorti sostniet li dak l-objettiv jintlaħaq ladarba l-benefiċjarju jkun ħallas lura l-ammonti mogħtija permezz ta' għajnuna illegali, u b'hekk iċedi l-vantaġġ li kien gawda fuq il-kompetituri tiegħu

([89]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 2/07, l-avviż fil-qosor fil-ĠU C 73, 30.3.2007, p. 15.
([90]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA 38364, l-avviż fil-qosor fil-ĠU C 233, 18.7.2014, p. 1.
([91]) Il-Kawża C-70/72 *Kummissjoni vs il-Ġermanja* EU:C:1973:87, paragrafu 13.
([92]) Il-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs il-Kummissjoni* EU:C:1994:325, paragrafu 75.

fis-suq, u terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni ta' qabel il-pagament tal-għajnuna ([93]). Billi jsegwi dik il-ġurisprudenza, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jipprovdi li "fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju. […]"

(155) Ir-rikorrenti jsostnu li huma kellhom aspettattiva leġittima li l-inċentivi mogħtija bl-EGO 24 kienu legali u li setgħu jibbenefikaw minn dawk l-inċentivi sal-iskadenza skedata tagħhom fl-1 ta' April 2009. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jispeċifika wkoll li "[i]l-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-rkupru tal-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-[Unjoni]." Il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kien rikonoxxut mill-QtĠ-UE bħala li jikkostitwixxi tali prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ma tqisx, madankollu, li r-rikorrenti jistgħu jippretendu tali aspettattiva leġittima.

(156) Skont il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-impriżi li lilhom tkun ingħatat għajnuna ma jistgħux, fil-prinċipju, ikollhom aspettattiva leġittima li l-għajnuna hija legali sakemm din ma tkunx ingħatat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Fil-ġurisprudenza aktar riċenti tagħha, il-QtĠ-UE ddikjarat li fin-nuqqas ta' assigurazzjonijiet suffiċjentement preċiżi li jirriżultaw minn azzjoni pożittiva meħuda mill-Kummissjoni, li għandha l-kompetenza esklużiva sabiex tawtorizza l-għoti ta' għajnuna mill-Istat mill-Istati Membri tal-Unjoni, li jwasslu lill-benefiċjarju biex jemmen li l-miżura ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat, l-ebda ċirkustanza eċċezzjonali ma tista' tiġġustifika l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sabiex jiġi evitat l-irkupru jekk dik il-miżura ta' għajnuna ma kinitx innotifikata lill-Kummissjoni ([94]). Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jistax jintuża kontra dispożizzjoni preċiża tad-dritt tal-Unjoni u li l-imġiba ta' awtorità nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li taġixxi bi ksur ta' dak id-dritt, ma tistax toħloq aspettattivi leġittimi min-naħa ta' operatur ekonomiku li huwa se jibbenefika minn trattament li jmur kontra dak id-dritt ([95]). Operatur ekonomiku diliġenti jrid jiġi preżunt li kapaċi jistabbilixxi jekk kinitx segwita dik il-proċedura ([96]).

(157) Il-Kummissjoni tinnota li, fir-rigward tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti, kellu jkun ċar mingħajr l-ebda dubju għar-rikorrenti anki qabel ma ngħataw dik l-għajnuna bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni, flimkien mal-liġi domestika Rumena li tagħti effett legali lid-Deċiżjoni fl-ordni legali domestiku tar-Rumanija, li l-Kummissjoni kienet tqis li l-ħlas ta' dak il-kumpens iwassal għal għajnuna mill-Istat li hija illegali u mhux kompatibbli. Dik il-pożizzjoni kienet ikkomunikata b'mod ċar lit-Tribunal fl-20 ta' Lulju 2009 u kkomunikata lir-rikorrenti.

(158) Rigward l-affermazzjoni tar-rikorrenti li huma kellhom aspettattiva leġittima li l-EGO 24 kienet legali u kienet se tibqa' fis-seħħ sal-1 ta' April 2009, il-Kummissjoni tfakkar, bħala kwistjoni preliminari, li huwa l-pagament tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti u mhux l-EGO 24, li jifforma l-bażi għal din id-Deċiżjoni. Madankollu, il-Kummissjoni żżid, għall-benefiċċju tal-kompletezza, li r-rikorrenti ma jistgħux b'mod ġustifikat jitolbu aspettattiva leġittima rigward il-validità u l-eżistenza ssoktata ta' dik l-iskema sal-1 ta' April 2009. Rigward dik l-iskema, ma kinitx il-Kummissjoni, iżda l-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni, li, bis-saħħa tad-Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Rumanija u l-Liġi Rumena Nru 143/1999 dwar l-għajnuna mill-Istat, kien responsabbli għall-monitoraġġ u l-awtorizzazzjoni tal-għoti ta' għajnuna mill-Istat qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-EGO 24 kienet innotifikata lill-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni fid-dawl tal-modifiki previsti mill-EGO 75 u li l-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni, bid-Deċiżjoni tiegħu Nru 244/2000 tal-15 ta' Mejju 2000, sab li dawk l-inċentivi jikkostitwixxu għajnuna inkompatibbli mill-Istat. Kien wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, fl-1 ta' Ġunju 2000, li S.C. European Food S.A kisbet il-PIC tagħha, li għamilha eliġibbli biex tikseb għajnuna mill-Istat skont l-iskema stabbilita bl-EGO 24 kif spjegat fil-premessa 133. Madankollu, dak ma jfissirx li l-għajnuna ngħatat f'dik id-data, kif spjegat fil-premessa 134.

(159) Minn dan isegwi li fiż-żmien li S.C. European Food S.A ngħatat l-għajnuna illegali mill-Istat prevista bl-EGO 24, li fi kwalunkwe każ huwa wara l-1 ta' Ġunju 2000, hija kellha tkun taf bid-deċiżjoni tal-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni tal-15 ta' Mejju 2000 li ddikjarat l-inċentivi tal-EGO 24 bħala għajnuna inkompatibbli mill-Istat. Barra minn hekk, hija kellha tkun taf ukoll bil-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995, u l-Liġi Rumena Nru 143/1999 dwar l-għajnuna mill-Istat, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2000, li t-tnejn kienu jipprojbixxu lir-Rumanija milli tagħti għajnuna mill-Istat u taw is-setgħa lill-Kunsill Rumen għall-Kompetizzjoni biex jawtorizza l-għoti ta' għajnuna ġdida mill-Istat. Fin-nuqqas ta' tali awtorizzazzjoni mill-Kunsill għall-Kompetizzjoni u skont il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, li kienet tapplika bis-saħħa tal-Artikolu 64 tal-Ftehim Ewropew ta' assoċjazzjoni tal-1995, l-Artikolu 1 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni għad-Deċiżjoni Nru 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Rumanija u l-acquis communautaire, S.C. European Food S.A qatt ma seta' jkollha

([93]) Il-Kawża C-75/97 *Belġju vs il-Kummissjoni* EU:C:1999:311, paragrafi 64-65.
([94]) Il-Kawża C-148/04 *Unicredito Italiano* EU:C:2005:774, paragrafi 104 sa 111.
([95]) Is-sentenza fil-Kawża C-217/06 *Kummissjoni v l-Italja* EU:C:2007:580, punt 23 u l-ġurisprudenza kkwotata.
([96]) Il-Kawża C-5/89 *Kummissjoni* v *il-Ġermanja* EU:C:1990:320, paragrafu 14.

aspettattiva leġittima li l-inċentivi mogħtija bl-EGO 24 kienu jikkostitwixxu għajnuna kompatibbli mill-Istat, irrispettivament mill-azzjonijiet sussegwenti tal-Gvern Rumen wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 244/2000. L-istess raġunament ovvjament japplika għal Multipack u Starmill, li kisbu biss il-PICs tagħhom fis-17 ta' Mejju 2002, sentejn wara li kienet adottata d-Deċiżjoni Nru 244/2000. Għalhekk, ir-rikorrenti lanqas biss jistgħu jsostnu aspettattiva leġittima li l-iskema tal-EGO 24 kienet tikkostitwixxi għajnuna legali mill-Istat, li l-Kummissjoni tqis bħala irrelevanti għall-finijiet tad-Deċiżjoni preżenti.

(160) Għalhekk, kwalunkwe pagament tal-kumpens mogħti mit-Tribunal lir-rikorrenti jrid jiġi rkuprat mir-Rumanija billi dak il-pagament jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija illegali u inkompatibbli. Billi l-ħames rikorrenti, flimkien mal-kumpaniji rilevanti l-oħra tal-EFDG jikkostitwixxu unità ekonomika unika (ara l-premessa 91), il-ħames rikorrenti u l-kumpaniji rilevanti l-oħra tal-EFDG għandhom ikunu flimkien responsabbli biex iħallsu lura lill-Istat Rumen l-għajnuna mill-Istat riċevuta minn kwalunkwe wieħed minnhom. Skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata skont deċiżjoni ta' rkupru għandha tinkludi l-imgħax b'rata xierqa ffissata mill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jkun pagabbli mid-data li fiha l-għajnuna illegali kienet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data tal-irkupru tagħha. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jipprovdi li l-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien u skont il-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, bil-kundizzjoni li dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward u fil-każ ta' proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarja li jkunu disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, inklużi miżuri provviżorji, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni.

(161) F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tosserva li r-Rumanija diġà paċiet l-ammont ta' RON 337 492 864 (madwar EUR 76 miljun ([97])) kontra d-djun tat-taxxa dovuti minn wieħed mir-rikorrenti, S.C. European Food S.A. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li fil-5 ta' Jannar 2015, l-eżekutur maħtur mill-qorti qabad RON 36 484 232 (madwar EUR 8,1 miljun ([98])) mill-Ministeru tal-Finanzi tar-Rumanija u sussegwentement ittrasferixxa RON 34 004 232 (madwar EUR 7,56 miljun) f'partijiet indaqs lil tlieta mill-ħames rikorrenti, u żamm il-bqija bħala kumpens għall-ispejjeż tal-eżekuzzjoni. Bejn il-5 ta' Frar u l-25 ta' Frar 2015, l-eżekutur maħtur mill-qorti qabad RON 9 197 482 (madwar EUR 2 miljun) ([99]) oħra mill-kontijiet tal-bank tal-Ministeru tal-Finanzi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu nota tal-fatt li l-awtoritajiet Rumeni ttrasferew b'mod volontarju RON 472 788 675 (madwar EUR 106,5 miljun ([100])) (inklużi l-ispejjeż tal-eżekutur maħtur mill-qorti li jammontaw għal RON 6 028 608) f'kont imblukkat f'isem il-ħames rikorrenti. Dawn l-ammonti, kif ukoll kwalunkwe pagament ieħor lir-rikorrenti li seħħ jew li se jseħħ bi twettiq tad-Deċiżjoni, iridu jiġu rkuprati mir-Rumanija. Għalhekk, il-Kummissjoni

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ħlas tal-kumpens mogħti mit-tribunal tal-arbitraġġ stabbilit taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID) bid-deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2013 fil-Kawża Nru ARB/05/20 *Micula a.o. vs ir-Rumanija* ([101]) lill-unità ekonomika unika magħmula minn Viorel Micula, Ioan Micula, S.C. European Food S.A., S.C. Starmill S.R.L., S.C. Multipack, European Drinks S.A., Rieni Drinks S.A., Scandic Distilleries S.A., Transilvania General Import-Export S.R.L., u West Leasing S.R.L, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, li mhijiex kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

1. Ir-Rumanija ma għandha tħallas l-ebda għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 1 u għandha tirkupra kwalunkwe għajnuna inkompatibbli msemmija fl-Artikolu 1 li diġà tħallset lil xi waħda mill-entitajiet li jikkostitwixxu l-unità ekonomika unika li bbenefikat minn dik l-għajnuna fl-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni parzjali tad-deċiżjoni b'arbitraġġ tal-11 ta' Diċembru 2013, kif ukoll kwalunkwe għajnuna mħallsa lil xi waħda mill-entitajiet li jikkostitwixxu l-unità ekonomika unika li bbenefikat minn dik l-għajnuna fl-implimentazzjoni ulterjuri tad-deċiżjoni b'arbitraġġ tal-11 ta' Diċembru 2013 li l-Kummissjoni ma kinitx mgħarrfa biha jew li tħallset wara d-data ta' din id-Deċiżjoni.

2. Viorel Micula, Ioan Micula, S.C. European Food S.A., S.C. Starmill S.R.L., S.C. Multipack, European Drinks S.A., Rieni Drinks S.A., Scandic Distilleries S.A., Transilvania General Import-Export S.R.L., u West Leasing S.R.L għandhom ikunu flimkien responsabbli biex iħallsu lura l-għajnuna mill-Istat riċevuta minn kwalunkwe wieħed minnhom.

([97]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7.
([98]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 38.
([99]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9.
([100]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 40.
([101]) Il-Kawża tal-ICSID Nru ARB/05/20, *Ioan Micula, Viorel Micula, SC European Food SA, SC Starmill SRI, SC Multipack SRL v ir-Rumanija*, Deċiżjoni Finali tal-11 ta' Diċembru 2013.

3. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati huma dawk li jirriżultaw mill-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2013 (prinċipal u mgħax).

4. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom iġorru mgħax mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sal-irkupru attwali tagħhom.

5. Ir-Rumanija għandha tipprovdi d-dati eżatti li fihom l-għajnuna pprovduta mill-Istat tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji rispettivi.

6. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([102]).

7. Ir-Rumanija għandha tassigura li ma jsirux aktar ħlasijiet tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 b'effett mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Ir-Rumanija għandha tassigura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur wara d-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, ir-Rumanija għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ammont totali ta' għajnuna riċevuta minn kull entità msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u ppjanati sabiex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;

(c) dokumenti li juru li l-benefiċjarji kienu ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

2. Ir-Rumanija għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda sabiex timplimenta din id-Deċiżjoni sakemm jitlesta l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1. Hija għandha tissottometti immedjatament, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda u ppjanati sabiex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata rigward l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħax fuq l-irkupru diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2015.

Għall-Kummissjoni
Margrethe VESTAGER
Membru tal-Kummissjoni

([102]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).